

**Brussell, 25 ta' Jannar 2021
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2017/0237 (COD)**

**12262/1/20
REV 1**

**TRANS 486
CONSOM 179
CODEC 1056
PARLNAT 145**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta'
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar id-
drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (riformulazzjoni)
- Adottata mill-Kunsill fil-25 ta' Jannar 2021.

REGOLAMENT (UE) 2021/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'...

dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 (1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 197, 8.6.2018, p. 66.

² Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2018 (ĠU C 363, 28.10.2020, p. 296) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ta' ... [(ĠU ...)/(għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali)]. Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta'...[(ĠU ...)/(għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali)]

Billi:

- (1) Iridu jsiru għadd ta' emendi fir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni għall-passiġġieri u biex titħeġġeġ żieda fl-ivvjaġġar bil-ferrovija, filwaqt li jitqiesu debitament b'mod partikolari l-Artikoli 11, 12 u 14 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Fid-dawl ta' dawk l-emendi u fl-interess taċ-ċarezza, jenħtieġ għalhekk li r-Regolament (KE) 1371/2007 jiġi riformulat.
- (2) Fil-qafas tal-politika komuni tat-trasport, huwa importanti li d-drittijiet tal-utent tal-passiġġieri ferrovjarji jkunu mħarsa u tittejjeb il-kwalità u l-effettività tas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri sabiex jiġi megħjun it-tkabbir tas-sehem tat-trasport ferrovjarju meta mqabbel ma' mezzi oħra tat-trasport.
- (3) Minkejja li fl-Unjoni sar bosta progress fejn tidħol il-protezzjoni tal-konsumaturi, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferroviji għadu jeħtieġ li tittejjeb aktar.
- (4) B'mod partikolari, għaladarba l-passiġġier tal-ferrovija huwa l-parti d-dgħajfa fil-kuntratt tat-trasport, jenħtieġ li jiġu mħarsa d-drittijiet tal-passiġġieri ferrovjarji.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14).

- (5) Il-passiġġieri tal-ferroviji li jagħmlu vjaġġi internazzjonali u domestiċi jingħataw l-istess drittijiet sabiex dan iżid il-livell ta' protezzjoni tal-konsumaturi fl-Unjoni, sabiex jiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-imprezzi ferrovjarji, u sabiex lill-passiġġieri jiggarrantilhom livell uniformi ta' drittijiet. Il-passiġġieri jenħtieġ li jirċievu informazzjoni kemm jista' jkun preċiża rigward id-drittijiet tagħhom. Billi ċerti formati moderni tal-biljetti ma jippermettux fiżikament li tiġi stampata informazzjoni fuqhom, jenħtieġ li jkun possibbli li tingħata l-informazzjoni meħtieġa f'dan ir-Regolament b'mezzi oħra.
- (6) Is-servizzi ferrovjarji offruti strettament għall-użu storiku jew turistiku normalment ma jaqdux ħtiġijiet normali tat-trasport. Dawn is-servizzi normalment ikunu iżolati mill-bqija tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni u jużaw it-teknoloġija li tista' tillimita l-aċċessibilità tagħhom. Bl-eċċezzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet li jenħtieġ li japplikaw għas-servizzi ferrovjarji kollha tal-passiġġieri fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għal servizzi ferrovjarji offruti strettament għal użu storiku jew turistiku.

- (7) Is-servizzi ferrovjarji urbani, suburbani u reġjonali tal-passiġġieri għandhom natura differenti mis-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri fuq distanzi twal. Għalhekk l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew dawn is-servizzi minn ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri. Tali eżenzjonijiet madankollu jenħtieġ li ma japplikawx għal regoli essenzjali, b'mod partikolari mhux għal dawk id-dispożizzjonijiet relatati ma' kondizzjonijiet nondiskriminatorji ta' kuntratti tat-trasport, għad-dritt ta' akkwist ta' biljetti ferrovjarji mingħajr diffikultà żejda, għar-responsabbiltà tal-impriżi ferrovjarji fir-rigward tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom, u għar-rekwiżit li impriżi ferrovjarji jkunu assigurati b'mod adegwat u r-rekwiżit li jittieħdu miżuri adegwati biex tiġi żgurata s-sigurtà personali fl-istazzjonijiet ferrovjarji u fuq il-ferroviji. Is-servizzi reġjonali huma aktar integrati bis-siġħ fil-bqija tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni u l-vjaġġi kkonċernati huma itwal. Għas-servizzi ferrovjarji reġjonali tal-passiġġieri, jenħtieġ li eżenzjonijiet possibbli għalhekk jiġu ristretti aktar. Fir-rigward tas-servizzi ferrovjarji reġjonali tal-passiġġieri, jenħtieġ li eżenzjonijiet mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jiffaċilitaw l-użu ta' servizzi ferrovjarji minn persuni b'diżabbiltà jew persuni b'mobbiltà mnaqqsa jitneħħew għalkollox gradwalment, u jenħtieġ li l-eżenzjonijiet ma japplikawx fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jippromwovu l-użu tar-roti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-possibbiltà li s-servizzi reġjonali jiġu eżentati minn ċerti obbligi fir-rigward tal-forniment ta' biljetti globali u ridirezzjonar tar-rota tkun limitata fiż-żmien.
- (8) Hija mira ta' dan ir-Regolament li jtejjeb is-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jagħtu eżenzjonijiet għal servizzi f'reġjuni fejn parti konsiderevoli mis-servizz jinħadem barra mill-Unjoni.

- (9) Barra minn hekk, sabiex tkun tista' ssir tranżizzjoni bla xkiel mill-qafas stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 għal dak skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-eżenzjonijiet nazzjonali preċedenti jitneħħew gradwalment biex tkun żgurata ċ-ċertezza u l-kontinwità legali meħtieġa. L-Istati Membri, li bħalissa għandhom stabbiliti eżenzjonijiet skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament 1371/2007 jenħtieġ li jitħallew jeżentaw servizzi ferrovjarji domestiċi tal-passiġġieri biss mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jeħtieġu adattament sinifikanti u, fi kwalunkwe każ, biss għal perjodu limitat ta' żmien. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ukoll, għal perijodu tranżitorju, jagħtu eżenzjoni mill-obbligu li jiddistribwixxu informazzjoni dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar fost l-operaturi, iżda biss fejn ma jkunx teknikament fattibbli għall-amministratur tal-infrastruttura li jipprovdi data f'ħin reali lil kwalunkwe impriża ferrovjarja, bejjiegħ tal-biljetti, operatur tal-vjaġġi jew amministratur tal-istazzjon. Valutazzjoni ta' dak li huwa teknikament fattibbli jenħtieġ li ssir mill-inqas kull sentejn.
- (10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni meta jeżentaw is-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri mill-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Meta jipprovdu din l-informazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jispjegaw ir-raġunijiet għall-għoti ta' tali eżenzjonijiet u l-miżuri meħuda jew previsti għall-konformità mal-obbligi skont dan ir-Regolament meta jiskadu l-eżenzjoni kkonċernati.
- (11) Fejn ikun hemm diversi amministraturi tal-istazzjoni responsabbli għal stazzjon wieħed, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jaħtru l-korp inkarigat mir-responsabbiltajiet imsemmija f'dan ir-Regolament.

- (12) Aċċess għal informazzjoni dwar l-ivvjaġġar f'ħin reali, inkluż dik dwar it-tariffi li tagħmel l-ivvjaġġar aktar aċċessibbli għal konsumaturi ġodda u tipprovdihom firxa aktar wiesgħa ta' possibbiltajiet ta' vvjaġġar u tariffi minn fejn jistgħu jagħżlu. Jenħtieġ li l-impriżi ferrovjarji jipprovdu lil impriżi ferrovjarji oħra, bejjieġha tal-biljetti u operatori tal-vjaġġi li jbiegħu s-servizzi tagħhom b'aċċess għal tali informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u jagħtuhom il-possibbiltà li jagħmlu u jikkanċellaw riservazzjonijiet biex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar bil-ferrovija. L-amministraturi tal-infrastruttura jenħtieġ li jqassmu data f'ħin reali dwar il-wasla u t-tluq tal-ferroviji lill-impriżi ferrovjarji u lill-amministraturi tal-istazzjonijiet, kif ukoll lill-bejjieġha tal-biljetti u lill-operatori tal-vjaġġi sabiex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar bil-ferrovija.
- (13) Rekwiżiti aktar dettaljati rigward l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar huma stabbiliti fl-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà msemmija fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011¹.

¹ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea (ĠU L 123, 12.5.2011, p.11).

- (14) It-tiżni tad-drittijiet tal-passiġġieri ferrovjarji jenħtieġ li jinbena fuq il-liġi internazzjonali eżistenti li tinsab fl-Appendiċi A — Regoli uniformi dwar il-Kuntratt għat-Trasport Internazzjonali ta' Passiġġieri u Bagalji bil-Ferrovija (CIV) — mal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif modifikata mill-Protokoll għall-modifikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija tat-3 ta' Ġunju 1999 (il-Protokoll tal-1999). Madankollu huwa mixtieq li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġi estiż sabiex jiproteġi mhux biss lill-passiġġieri internazzjonali imma wkoll lill-passiġġieri domestiċi. Fit-23 ta' Frar 2013, l-Unjoni aderiet mal-COTIF.
- (15) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprojbixxu d-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità tal-passiġġier jew il-post tal-istabbiliment fi ħdan l-Unjoni tal-impriża ferrovjarja, il-bejjieġh tal-biljetti jew l-operatur tal-vjaġġi. Madankollu, jenħtieġ li t-tariffi soċjali u l-inkoraġġiment ta' użu usa' tat-trasport pubbliku ma jiġux ipprojbiti, dment li tali miżuri jkunu proporzjonati u jitħaddmu indipendentement min-nazzjonalità tal-passiġġier kkonċernat. L-impriżi ferrovjarji, il-bejjieġha tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi huma liberi li jiddeterminaw il-prattiki kummerċjali tagħhom, inkluż l-użu ta' offerti speċjali u l-promozzjoni ta' ċerti mezzi ta' bejgħ. Minħabba l-iżvilupp ta' pjattaformi fuq l-internet li jbigħu l-biljetti tat-trasport tal-passiġġieri, l-Istati Membri jenħtieġ jagħtu attenzjoni speċjali biex jiżguraw li ma ssir l-ebda diskriminazzjoni waqt il-proċess biex jiġu aċċessati l-pjattaformi fuq l-internet jew biex jinxtaw il-biljetti. Barra minn hekk, irrISPettivament minn kif jinxtara ċertu tip ta' biljett, jenħtieġ li l-livell ta' protezzjoni tal-passiġġier ikun l-istess.

- (16) Iż-żieda fil-popolarità taċ-ċikliżmu madwar l-Unjoni qed tħalli implikazzjonijiet fuq il-mobbiltà ġenerali u t-turiżmu. Jekk fil-qasma modali jiżdied l-użu tal-ferroviji u taċ-ċikliżmu, jonqos l-impatt tat-trasport fuq l-ambjent. Għalhekk jenħtieġ li l-l-impriżi ferrovjarji jiffaċilitaw kemm jista' jkun it-taħlita taċ-ċikliżmu u l-vjaġġi bil-ferrovija. B'mod partikolari, meta jakkwistaw vetturi ferrovjarji ġodda jew jagħmlu titjib kbir fil-vetturi ferrovjarji eżistenti, jenħtieġ li jipprovdu għadd adegwat ta' postijiet għar-roti għajr jekk l-akkwist jew it-titjib jikkonċerna vaguni tar-ristoranti, vaguni tal-irqad jew vaguni kuċċetti. Sabiex jiġi evitat impatt negattiv fuq il-prestazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi ferrovjarji eżistenti, dak l-obbligu jenħtieġ li japplika biss f'każijiet ta' titjib kbir li jeħtieġ awtorizzazzjoni ġdida ta' vettura għat-tqegħid fis-suq.

- (17) L-għadd adegwat ta' postijiet għar-roti għall-kompożizzjoni ta' ferrovija jenħtieġ li jiġi ddeterminat billi jitqies id-daqs tal-kompożizzjoni tal-ferrovija, it-tip ta' servizz u d-domanda għat-trasport tar-roti. Jenħtieġ li l-impriżi ferrovjarji jkollhom il-possibbiltà li jistabbilixxu pjanijiet b'għadd konkret ta' postijiet għar-roti għas-servizzi tagħhom, wara li jikkonsultaw lill-pubbliku. Meta l-impriżi ferrovjarji jagħżlu li ma jistabbilixxux pjanijiet, jenħtieġ li japplika għadd statutorju. Dak l-għadd statutorju jenħtieġ li jservi wkoll bħala gwida mill-impriżi ferrovjarji meta jkunu qed jistabbilixxu l-pjanijiet tagħhom. Għadd li huwa inqas mill-għadd statutorju jenħtieġ li jitqies adegwat biss meta jkun iġġustifikat minn ċirkostanzi speċjali bħall-operat ta' servizzi ferrovjarji fil-ħin tax-xitwa fejn huwa ċar li m'hemmx domanda jew domanda baxxa għat-trasport tar-roti. Barra minn hekk, f'xi Stati Membri d-domanda għat-trasport tar-roti hija partikolarment għolja fir-rigward ta' ċerti tipi ta' servizzi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jiddeterminaw l-għadd minimu adegwat ta' postijiet għar-roti għal ċerti tipi ta' servizzi. Dan l-għadd jenħtieġ li jipprevali fuq kwalunkwe pjan tal-impriżi ferrovjarji. Jenħtieġ li dan ma jimpedixxix il-moviment liberu tal-vetturi ferrovjarji fl-Unjoni. Il-passiġġieri jenħtieġ li jiġu infurmati bl-ispazju disponibbli għar-roti.
- (18) Jenħtieġ li d-drittijiet u l-obbligi rigward il-ġarr ta' roti fuq ferroviji japplikaw għal roti li jistgħu jintrikbu faċilment qabel u wara l-vjaġġ bil-ferrovija. Il-ġarr ta' roti f'pakketti u basktijiet, kif applikabbli, huwa kopert bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li għandhom x'jaqsmu mal-bagalji.

- (19) Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferroviji għal servizzi ferrovjarji jinkludu li jirċievu informazzjoni rigward is-servizz kemm qabel kif ukoll matul il-vjaġġ. Jenħtieġ li l-impriżi ferrovjarji, il-bejjiegħa tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar is-servizz ferrovjarju qabel l-ivvjaġġar. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata b'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa. Jenħtieġ li l-impriżi ferrovjarji u, fejn possibbli, il-bejjiegħa tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi jipprovdu lill-passiġġier, matul il-vjaġġ, aktar informazzjoni meħtieġa minn dan ir-Regolament. Fejn amministratur ta' stazzjon jkollu tali informazzjoni, jenħtieġ wkoll li huwa jipprovdi l-informazzjoni lill-passiġġieri.
- (20) Id-daqs tal-bejjiegħa tal-biljetti jvarja b'mod sostanzjali minn intrapriżi mikro sa kbar u xi bejjiegħa tal-biljetti joffru s-servizzi tagħhom offline biss jew online biss. Għalhekk jenħtieġ li l-obbligu li l-passiġġieri jingħataw informazzjoni dwar l-ivvjaġġar ikun proporzjonali għad-daqsijiet differenti, u għalhekk il-kapaċitajiet differenti tal-bejjiegħa tal-biljetti.
- (21) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jżommx lill-impriżi ferrovjarji, l-operaturi tal-vjaġġi jew lill-bejjiegħa tal-biljetti milli joffru lil passiġġieri kondizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament. Madankollu, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jwassalx biex impriża ferrovjarja tkun marbuta b'kondizzjonijiet kuntrattwali aktar favorevoli offriti minn operatur tal-vjaġġi jew bejjiegħ tal-biljetti, għajr jekk previst xort'oħra f'arranġament bejn l-impriża ferrovjarja u l-operatur tal-vjaġġi jew il-bejjiegħ tal-biljetti.

- (22) Il-biljetti globali jippermettu vjaġġi bla xkiel għall-passiġġieri u għalhekk jenħtieġ li jsir kull sforz raġonevoli biex jiġu offruti dawn il-biljetti għal servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri fuq distanzi fit-tul, dawk urbani, suburbani u reġjonali, kemm jekk internazzjonali u kemm jekk lokali, inkluż servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri eżentati skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jkun possibbli, għall-fini li jiġi determinat id-dewmien totali li għalih ikun disponibbli kumpens, li jiġu esklużi perijodi ta' dewmien li jkunu seħħew waqt il-partijiet tal-vjaġġ relatati ma' servizzi ferrovjarji eżentati skont dan ir-Regolament.
- (23) Fir-rigward tas-servizzi mħaddma mill-istess impriża ferrovjarja, jenħtieġ li t-trasferiment ta' passiġġieri ferrovjarji minn servizz għal ieħor jiġi ffaċilitat bl-introduzzjoni ta' obbligu li jingħataw biljetti globali, peress li l-ebda ftehim kummerċjali mhu meħtieġa bejn l-impriżi ferrovjarji. Ir-rekwiżit li jiġu pprovduti biljetti globali jenħtieġ li japplika għal servizzi mħaddma minn impriżi ferrovjarji li jappartjenu għall-istess sid jew li huma sussidjarji li huma kompletament proprjetà ta' waħda mill-impriżi ferrovjarji li jipprovdu servizzi ferrovjarji inklużi fil-vjaġġ. Jenħtieġ li l-impriża ferrovjarja jkollha l-possibbiltà li tispeċifika fuq il-biljett globali l-ħin tat-tluq ta' kull servizz ferrovjarju, inklużi servizzi reġjonali, li għalih huwa validu l-biljett globali.
- (24) Jenħtieġ li l-passiġġieri jkunu infurmati b'mod ċar jekk il-biljetti mibjugħa minn impriża ferrovjarja fi tranżazzjoni kummerċjali waħda jikkostitwux biljett globali. Fejn il-passiġġieri ma jkunux infurmati b'mod korrett, jenħtieġ li l-impriża ferrovjarja tkun responsabbli daqslikieku dawk il-biljetti kienu globali.

- (25) Jenħtieġ li l-offerta ta' biljetti globali tkun promossa. Madankollu, l-informazzjoni korretta dwar is-servizz ferrovjarju hija essenzjali wkoll meta l-passiġġieri jixtru l-biljetti minn bejjiegħ tal-biljetti jew operatur tal-vjaġġi. Fejn il-bejjiegħa tal-biljetti jew l-operaturi tal-vjaġġi jbiegħubiljetti separati bħala pakkett, jenħtieġ li jinfurmaw b'mod ċar lill-passiġġieri li daww il-biljetti ma joffrux l-istess livell ta' protezzjoni bħal biljetti globali u li daww il-biljetti ma nħarġux bħala biljetti globali mill-impriża ferrovjarja jew mill-impriża ferrovjarja li jipprovdu s-servizz. Meta l-bejjiegħa tal-biljetti jew l-operaturi tal-vjaġġi jonqsu milli jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit, jenħtieġ li r-responsabbiltà tagħhom tmur lil hinn mir-rimborż tal-biljetti.
- (26) Meta joffru biljetti globali, huwa importanti li l-impriżi ferrovjarji jqisu hiniġiet ta' konnessjoni minimi realistiċi u applikabbli meta jkunu prenotati oriġinarjament, kif ukoll kwalunkwe fattur rilevanti bħad-daqs u l-post tal-istazzjonijiet u l-pjattaformi rispettivi.

(27) Fid-dawl tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà u sabiex il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsqa jingħataw opportunitajiet għall-ivvjaġġar bil-ferroviji li jkunu komparabbli ma' dawk ta' ċittadini oħra, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli għal nondiskriminazzjoni u assistenza waqt il-vjaġġ tagħhom. Persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsqa għandhom l-istess drittijiet bħaċ-ċittadini l-oħra kollha għall-moviment liberu u għan-nondiskriminazzjoni. Fost l-oħrajn, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għall-għoti ta' informazzjoni lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsqa rigward l-aċċessibilità tas-servizzi ferrovjarji, il-kundizzjonijiet tal-aċċess tal-vaguni u l-faċilitajiet abbord. Sabiex il-passiġġieri b'indeboliment sensorju jkunu mogħtija l-aħjar informazzjoni dwar xi dewmien, jenħtieġ li jintużaw sistemi viżivi u awditivi, kif xieraq. Jenħtieġ li l-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jixtru l-biljetti minn fuq il-ferrovija mingħajr h̄las żejjed fejn ma jkunx hemm mezzi aċċessibbli biex il-biljetti jinxtraw qabel jirkbu l-ferrovija. Madankollu, jenħtieġ li jkun hemm il-possibbiltà li dan id-dritt jiġi limitat f'ċirkostanzi marbuta mas-sigurtà jew mar-riservazzjoni obbligatorja tal-ferrovija. Il-persunal jenħtieġ li jingħata t-taħriġ kif xieraq biex ikun jista' jissodisfa l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsqa, b'mod partikolari meta jkun qed jagħtihom assistenza. Sabiex ikunu żgurati l-istess kundizzjonijiet tal-ivvjaġġar, jenħtieġ li tingħata assistenza lil dawn il-persuni fl-istazzjonijiet u abbord jew, f'każ ta' nuqqas ta' persunal imħarreġ li jakkumpanjahom abbord il-ferrovija jew fl-istazzjoni, jenħtieġ li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha biex jippermettu l-ivvjaġġar bil-ferrovija.

- (28) Jenħtieġ li l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet jikkooperaw b'mod attiv mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabbiltà sabiex itejbu l-kwalità tal-aċċessibbiltà tas-servizzi tat-trasport.
- (29) Sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri għall-persuni b'diżabbiltà jew għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jirrikjedu lill-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet biex jistabbilixxu Punti ta' Kuntatt Uniċi nazzjonali biex jikkoordinaw l-informazzjoni u l-assistenza.
- (30) Sabiex jiġi żgurat li tingħata l-assistenza lill-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, għal raġunijiet prattiċi jeħtieġ li l-impriża ferrovjarja, l-amministratur tal-istazzjon, il-bejjiegħ tal-biljetti jew l-operatur tal-vjaġġi jiġi nnotifikat bil-quddiem dwar il-ħtieġa għall-assistenza. Filwaqt li dan ir-Regolament jistabilixxi perjodu ta' żmien massimu komuni għal tali prenotifiki, arranġamenti volontarji li jipprovdu perjodi iqsar huma siewja meta dawn itejjbu l-mobbiltà tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa. Biex tiġi garantita l-aktar distribuzzjoni wiesgħa possibbli ta' informazzjoni dwar tali perjodi ta' żmien imnaqqsa, huwa importanti li l-Kummissjoni tinkludi fir-rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati ta' dan ir-Regolament informazzjoni dwar l-iżvilupp ta' arranġamenti ta' prenotifika mnaqqsa u t-tixrid relatat ta' informazzjoni.

- (31) L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet jenħtieġ jikkunsidraw il-bżonnijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, permezz ta' konformità mad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014². Fejn dan ir-Regolament jirreferi għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/882, dawk id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jiġu applikati mill-Istati Membri mit-28 ta' Ġunju 2025 u f'konformità mal-miżuri tranżitorji stabbiliti fl-Artikolu 32 ta' dik id-Direttiva. Fir-rigward tas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet huwa stabbilit fil-punt (c) tal-Artikolu 2(2) ta' dik id-Direttiva.
- (32) Ċerti animali huma mħarrġa biex jassistu lill-persuni b'diżabbiltà biex huma jkunu jistgħu jkunu mobbli b'mod indipendenti. Għal tali mobbiltà huwa essenzjali li dawk l-animali jkunu jistgħu jittieħdu abbord il-ferroviji. Dan ir-Regolament jistabbilixxi drittijiet u obbligi komuni fir-rigward tal-klieb ta' assistenza. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jwettqu provi bl-użu ta' animali oħra ta' assistenza għall-mobbiltà u li jħalluhom jitolgħu abbord is-servizzi ferrovjarji domestiċi tagħhom. Huwa importanti li l-Kummissjoni timmonitorja l-iżvilupp fir-rigward ta' din il-kwistjoni fid-dawl tal-ħidma futura fuq l-animali ta' assistenza għall-mobbiltà.

¹ Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2018, p. 70).

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà relatati mal-aċċessibilità tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 110),

- (33) Hu mixtieq li dan ir-Regolament joħloq sistema ta' kumpens għall-passiġġieri fil-każ ta' dewmien, inkluż f'każijiet fejn id-dewmien ikun ikkawżat minn kanċellazzjoni ta' servizz jew konnessjoni mitlufa. F'każ ta' dewmien fit-tul ta' servizz ferrovjarju tal-passiġġieri, l-impriżi ferrovjarji jenħtieġ jagħtu kumpens lill-passiġġieri skont persentaġġ tal-prezz tal-biljett.
- (34) L-impriżi ferrovjarji jenħtieġ li jkunu obbligati li jkunu assigurati, jew li jkollhom garanziji adegwati, għar-responsabbiltà tagħhom lejn il-passiġġieri tal-ferroviji fil-każ ta' inċident.
- (35) Id-drittijiet imsaħħa ta' kumpens u ta' assistenza fil-każ ta' dewmien, konnessjoni mitlufa jew kanċellazzjoni jenħtieġ li jwasslu għal inċentivi akbar għas-suq tal-passiġġieri tal-ferroviji, għall-benefiċċju tal-passiġġieri.
- (36) F'każ ta' dewmien, il-passiġġieri jenħtieġ li jingħataw alternattivi għal kontinwazzjoni tat-trasport jew għal ridirezzjonar tar-rotta b'kundizzjonijiet tat-trasport komparabbli. F'dan il-każ jenħtieġ jitqiesu l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

(37) Madankollu, jenħtieġ li l-impriża ferrovjarja ma tkunx obligata tħallas kumpens jekk tkun tista' turi li d-dewmien seħħ minħabba ċirkostanzi straordinarji bħal kundizzjonijiet estremi tat-temp jew diżastri naturali kbar li pperikolaw l-operazzjoni sikura tas-servizz.

Kwalunkwe każ bħal dan jenħtieġ ikollu l-karattru ta' katastrofi naturali eċċezzjonali, kif distint mill-kundizzjonijiet normali u staġunali tat-temp bħal maltempati tal-ħarifa jew għargħar urbani regolari li jseħħ mill-mareat jew meta jinħall is-silġ. Barra minn hekk, Jenħtieġ li impriża ferrovjarja ma tkunx obligata tħallas kumpens jekk tkun tista' turi li d-dewmien seħħ minħabba kriżi kbira tas-saħħa pubblika, bħal pandemija. Barra minn hekk, fejn id-dewmien ikun ikkawżat minn passiġġier jew minn ċerti atti ta' partijiet terzi, l-impriża ferrovjarja jenħtieġ li ma tkunx obligata tipprvodi kumpens għad-dewmien. L-impriżi ferrovjarji jenħtieġ li juru li la setgħu jwassru u lanqas jevitaw tali avvenimenti, u lanqas ma setgħu jipprevjenu d-dewmien, anki jekk ikunu ħadu l-miżuri raġonevoli kollha, inkluż il-manutenzjoni preventiva xierqa tal-vetturi ferrovjarji tagħhom. Jenħtieġ li l-istrajks mill-persunal tal-impriża ferrovjarja, u l-azzjonijiet, jew l-ommissjonijiet minn operaturi ferrovjarji oħra li jużaw l-istess infrastruttura, l-amministratur tal-infrastruttura jew l-amministraturi tal-istazzjonijiet ma jaffettwawx ir-responsabbiltà għal dewmien. Iċ-ċirkostanzi li fihom l-impriżi ferrovjarji mhumiex obligati jħallsu kumpens jenħtieġ li jkunu ġustifikati b'mod oġġettiv. Fejn komunikazzjoni jew dokument tal-amministratur tal-infrastruttura ferrovjarja, awtorità pubblika jew korp ieħor indipendenti mill-impriżi ferrovjarji, li jindikaw iċ-ċirkostanzi li fuqhom tibbaża ruħha l-impriża sabiex tkun eżentata mill-obbligu li jħallsu kumpens, ikunu disponibbli għall-impriżi ferrovjarji, jenħtieġ li jgħibu tali komunikazzjonijiet jew dokumenti għall-attenzjoni tal-passiġġieri u, fejn rilevanti, għal dik tal-awtoritajiet ikkonċernati.

- (38) Jenħtieġ li l-impriżi ferrovjarji jkunu mħeġġa jissimplifikaw il-proċedura għall-passiġġieri biex japplikaw għall-kumpens jew rimborż. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jirrikjedu li l-impriżi ferrovjarji jaċċettaw applikazzjonijiet minn ċerti mezzi ta' komunikazzjoni, bħal fuq siti web jew bl-użu ta' applikazzjonijiet mobbli, sakemm dawn ir-rekwiżiti ma jkunux diskriminatorji.
- (39) Sabiex ikun aktar faċli għall-passiġġieri li jagħmlu talba għal rimborż jew kumpens f'konformità ma' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti formoli li huma validi mal-Unjoni kollha għal tali talbiet. Jenħtieġ li l-passiġġieri jkollhom il-possibbiltà li jippreżentaw it-talbiet tagħhom billi jużaw tali formola.
- (40) F'kooperazzjoni mal-amministraturi tal-infrastruttura u l-amministraturi tal-istazzjonijiet, jenħtieġ li l-impriżi ferrovjarji jħejju pjanijiet ta' kontinġenza biex jimminimizzaw l-impatt tal-interruzzjonijiet il-kbar billi lill-passiġġieri maqbuda jagħtuhom l-informazzjoni u l-attenzjoni xierqa.
- (41) Hu mixtieq ukoll li l-vittmi tal-inċidenti u dawk li jiddependu fuqhom ikunu meħlusa minn preokkupazzjonijiet finanzjarji għaż-żmien qasir fil-perjodu eżatt wara l-inċident.
- (42) Hu fl-interess tal-passiġġieri tal-ferroviji li jittieħdu l-miżuri xierqa, bi ftehim mal-awtoritajiet pubbliċi, biex jiżguraw is-sigurtà personali tagħhom fl-istazzjonijiet kif ukoll fuq il-ferroviji.

- (43) Jenħtieġ li l-passiġġieri ferrovjarji jkunu jistgħu jressqu lment lil kwalunkwe impriża ferrovjarja involuta, lill-amministraturi tal-istazzjonijiet ta' ċerti stazzjonijiet jew, fejn xieraq, lill-bejjiegħa tal-biljetti jew l-operaturi tal-vjaġġi rigward l-oqsma ta' responsabbiltà rispettivi tagħhom dwar id-drittijiet u l-obbligi mogħtija minn dan ir-Regolament. Il-passiġġieri ferrovjarji jenħtieġ li jkunu intitolati li jirċievu risposta fi żmien raġonevoli.
- (44) Fl-interess ta' trattament effiċjenti tal-ilmenti, jenħtieġ li l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet ikollhom id-dritt li jstabilixxu servizzi tal-klijenti u mekkaniżmi ta' trattament ta' ilmenti konġunti. L-informazzjoni dwar il-proċeduri ta' trattament tal-ilmenti jenħtieġ li tkun disponibbli għall-pubbliku u aċċessibbli faċilment għall-passiġġieri kollha.
- (45) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwawx id-drittijiet tal-passiġġieri biex iressqu lment ma' korp nazzjonali jew biex ifittxu rimedju legali permezz ta' proċeduri nazzjonali.
- (46) L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet jenħtieġ li jiddefinixxu l-istandards tal-kwalità tas-servizz għas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri, jamministrawhom u jimmonitorjawhom. L-impriżi ferrovjarji jenħtieġ li jagħmlu wkoll pubblikament disponibbli informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-kwalità tas-servizz tagħhom.

- (47) Sabiex jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fit-trasport ferrovjarju, jenħtieġ li jkun meħtieġ li l-Istati Membri jinnominaw korpi nazzjonali tal-infurzar biex isegwu mill-qrib l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex jinfurzawh fil-livell nazzjonali. Dawk il-korpi jenħtieġ li jkunu jistgħu jieħdu bosta miżuri ta' infurzar. Il-passiġġieri jenħtieġ li jkunu jistgħu jressqu l-ilmenti tagħhom quddiem dawn il-korpi dwar l-allegat ksur tar-Regolament. Biex ikun żgurat li dawn l-ilmenti jiġu trattati b'mod sodisfaċenti, il-korpi jenħtieġ ukoll li jikkooperaw mal-korpi nazzjonali tal-infurzar ta' Stati Membri oħrajn.
- (48) L-Istati Membri li ma għandhomx sistema ferrovjarja, u l-ebda prospett immedjat li jkollhom waħda, ser iġorru piż sproporzjonat u inutili jekk ikunu soġġetti għall-obbligi tal-infurzar fir-rigward tal-amministraturi tal-istazzjonijiet u l-amministraturi tal-infrastruttura previsti b'dan ir-Regolament. L-istess japplika għall-obbligi ta' infurzar fir-rigward tal-impriżi ferrovjarji sakemm Stat Membru ma jkunx ta liċenzja lil xi impriża ferrovjarja. Għalhekk, jenħtieġ li dawn l-Istati Membri jkunu eżenti minn dawk l-obbligi.
- (49) L-ipproċessar tad-data personali jenħtieġ isir skont il-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

- (50) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn il-penali jiġu applikati. Il-penali, li jistgħu jinkludu l-ħlas ta' kumpens lill-persuna inkwistjoni, jenħtieġ ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.
- (51) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-iżvilupp tal-ferroviji tal-Unjoni u t-tiżiħ tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferroviji, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

- (52) Sabiex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-passiġġieri, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE biex temenda l-Anness I fir-rigward tar-Regoli Uniformi CIV u biex taġġusta l-ammonti minimi tal-ħlas bil-quddiem fil-każ ta' mewt ta' passiġġier fid-dawl tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur li japplika għall-UE kollha. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' thejġija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-thejġija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-thejġija ta' atti delegati.
- (53) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a2}.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

² Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (54) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 21, 26, 38 u 47 li jikkonċernaw, rispettivament, il-projbizzjoni ta' kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni, l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà, l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust. Dan ir-Regolament irid jiġi applikat mill-qrati tal-Istati Membri b'rispett sħiħ ta' dawn id-drittijiet u l-prinċipji,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Suġġett u għanijiet

Sabiex jipprovdni protezzjoni effettiva tal-passiġġieri u jinkoraġġixxi l-ivvjaġġar bil-ferrovija, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli applikabbli għat-trasport ferrovjarju fir-rigward ta' dan li ġej:

- (a) in-nondiskriminazzjoni bejn il-passiġġieri fir-rigward tal-kundizzjonijiet tat-trasport u l-forniment ta' biljetti;
- (b) ir-responsabbiltà tal-impriżi ferrovjarji u l-obbligi tagħhom tal-assigurazzjoni għall-passiġġieri u l-bagalji tagħhom;
- (c) id-drittijiet tal-passiġġieri f'każ ta' inċidenti li jirriżultaw mill-użu tas-servizzi ferrovjarji u li jikkawunaw mewt ta' passiġġier jew korriment personali ta' passiġġier jew telf ta' bagalja ta' passiġġier jew dannu lil bagalja ta' passiġġier;
- (d) id-drittijiet tal-passiġġieri f'każ ta' tfixkil, bħal kanċellazzjoni jew dewmien, inkluż id-dritt tagħhom għal kumpens;
- (e) l-informazzjoni minima u preċiża, inkluż dwar il-ħruġ ta' biljetti, li trid tiġi pprovduta f'format aċċessibbli u f'waqtha lill-passiġġieri;

- (f) in-nondiskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u l-assistenza għalihom;
- (g) id-definizzjoni u l-monitoraġġ tal-istandards tal-kwalità tas-servizzi u l-immaniġġar tar-riskji għas-sikurezza personali tal-passiġġieri;
- (h) it-trattament tal-ilmenti;
- (i) ir-regoli ġenerali dwar l-infurzar.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-vjaġġi u s-servizzi ferrovjarji internazzjonali u domestiċi fl-Unjoni pprovduti minn impriża ferrovjarja waħda jew aktar li jkunu liċenzjati skont id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
2. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament servizzi li jitħaddmu strettament għal użu storiku jew turistiku. Dik l-eżenzjoni ma tapplikax fir-rigward tal-Artikoli 13 u 14.

¹ Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

3. L-eżenzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 2(4) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 qabel ... [Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom jibqgħu validi sad-data li fihom dawk l-eżenzjonijiet jiskadu. L-eżenzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 qabel ... [Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom jibqgħu validi sa... [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
4. Qabel l-iskadenza ta' eżenzjoni għas-servizzi ferrovjarji domestiċi tal-passiġġieri mogħtija skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw tali servizzi ferrovjarji domestiċi tal-passiġġieri mill-applikazzjoni tal-Artikoli 15, 17 u 19, il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 20(2) u l-Artikolu 30(2) ta' dan ir-Regolament għal perjodu addizzjonali ta' mhux aktar minn ħames snin.
5. Sa... [9 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-Artikolu 10 ma għandux japplika fejn ma jkunx teknikament fattibbli għal amministratur tal-infrastruttura li jiddistribwixxi data f'ħin reali skont it-tifsira tal-Artikolu 10(1) lil kwalunkwe impriża ferrovjarja, bejjiegħ tal-biljetti, operatur tal-vjaġġi jew amministratur ta' stazzjon. Tal-inqas kull sentejn, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw mill-ġdid sa fejn huwa teknikament fattibbli li tiġi distribwita tali data.

6. Soġġetti għall-paragrafu 8, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw is-servizzi li ġejjin mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:
- (a) servizzi ferrovjarji urbani, suburbani u reġjonali tal-passiġġieri;
 - (b) is-servizzi ferrovjarji internazzjonali tal-passiġġieri li parti konsiderevoli minnhom, inkluż minn tal-inqas waqfa waħda prevista fi stazzjon, issir barra mill-Unjoni.
7. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'eżenzjonijiet mogħtija skont il-paragrafi 2, 4, 5 u 6 u għandhom jippreżentaw ir-raġunijiet għal dawk l-eżenzjonijiet.
8. Eżenzjonijiet mogħtija f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 6 ma għandhomx japplikaw fir-rigward tal-Artikoli 5, 11, 13, 14, 21, 22, 27 u 28.

Fejn dawk l-eżenzjonijiet jikkonċernaw servizzi ferrovjarji reġjonali tal-passiġġieri, dawn ma għandhomx japplikaw ukoll fir-rigward tal-Artikoli 6 u 12, l-Artikolu 18(3), u tal-Kapitolu V.

Minkejja t-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-eżenzjonijiet mill-applikazzjoni tal-Artikoli 12(1) u 18(3) li jikkonċernaw is-servizzi ferrovjarji reġjonali tal-passiġġieri jistgħu japplikaw sa mhux aktar tard minn ... [7 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "impriża ferrovjarja" tfisser impriża ferrovjarja kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34/UE;
- (2) "amministratur tal-infrastruttura" tfisser amministratur tal-infrastruttura kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34/UE;
- (3) "amministratur tal-istazzjon" tfisser entità organizzattiva fi Stat Membru, li nġhatat ir-responsabbiltà għall-amministrazzjoni ta' stazzjon ferrovjarju wieħed jew aktar u li tista' tkun l-amministratur tal-infrastruttura;
- (4) "operatur tal-vjaġġi" tfisser organizzatur jew bejjieġh , kif definit fil-punti (8) u (9) rispettivament tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ minbarra impriża ferrovjarja;
- (5) "bejjieġh tal-biljetti" tfisser kull bejjieġh bl-imnut ta' servizzi tat-trasport ferrovjarju li jbiegħ biljetti, inkluż biljetti globali, abbażi ta' kuntratt jew arranġament ieħor bejn il-bejjieġh bl-imnut u impriża ferrovjarja waħda jew aktar;

¹ Id-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE (ĠU L 326, 11.12.2015, p. 1).

- (6) "kuntratt ta' trasport" tfisser kuntratt ta' trasport ferrovjarju bi ħlas jew mingħajr ħlas bejn impriża ferrovjarja u passiġġier għall-għoti ta' servizz tat-trasport wieħed jew aktar;
- (7) "biljett" tfisser evidenza valida, irrispettivament mill-forma tiegħu, tal-konklużjoni ta' kuntratt ta' trasport, irrispettivament mill-forma tiegħu;
- (8) "riservazzjoni" tfisser awtorizzazzjoni, fuq il-karti jew f'forma elettronika, li tagħti d-dritt għal trasport soġġett għal arranġamenti personalizzati ta' trasport ikkonfermati minn qabel;
- (9) "biljett globali" tfisser biljett jew biljetti kif definit fil-punt (35) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34/UE;
- (10) "servizz" tfisser servizz tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri li jopera bejn stazzjonijiet ferrovjarji skont skeda tal-ħinijiet, inkluż is-servizzi tat-trasport offruti għal ridirezzjonar tar-rota;
- (11) "vjaġġ" tfisser il-ġarr ta' passiġġier bejn stazzjon tat-tluq u stazzjon tal-wasla;
- (12) "servizz ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri" tfisser servizz ferrovjarju tal-passiġġieri li ma jaqsamx fruntiera ta' Stat Membru;
- (13) "servizz ferrovjarju urban u suburban tal-passiġġieri" tfisser servizz ferrovjarju tal-passiġġieri fit-tifsira tal-punt (6) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34/UE;

- (14) "servizz ferrovjarju reġjonali tal-passiġġieri" tfisser servizz ferrovjarju tal-passiġġieri fit-tifsira tal-punt (7) tal--Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34/UE;
- (15) "servizz ferrovjarju fuq distanza twila tal-passiġġieri" tfisser servizz ferrovjarju tal-passiġġieri li mhuwiex servizz ferrovjarju urban, suburban jew reġjonali tal-passiġġieri;
- (16) "servizz ferrovjarju internazzjonali tal-passiġġieri" tfisser servizz ferrovjarju tal-passiġġieri li jaqsam mill-anqas fruntiera waħda ta' Stat Membru, li l-iskop prinċipali tiegħu huwa li jgħorr lill-passiġġieri bejn stazzjonijiet li jinsabu fi Stati Membri differenti jew fi Stat Membru u pajjiż terz;
- (17) "dewmien" tfisser id-differenza fil-ħin bejn il-ħin meta l-passiġġier kien previst jasal skont il-ħinijiet ippubblikati u l-ħin tal-wasla proprja jew mistenni tiegħu jew tagħha fl-istazzjon tad-destinazzjoni finali;
- (18) "wasla" tfisser il-mument meta l-bibien tal-ferrovija jinfetħu fuq il-pjattaforma tad-destinazzjoni u l-passiġġieri jitħallew jinżlu;
- (19) "pass tal-ivvjaġġar" jew "biljett staġonali" tfisser biljett għal numru bla limitu ta' vjaġġi li jipprovdi lid-detentur awtorizzat bi vjaġġar ferrovjarju fuq rotta jew netwerk partikolari matul perjodu speċifiku;

- (20) "konnessjoni mitlufa" tfisser sitwazzjoni fejn passiġġier jitlef servizz wieħed jew aktar waqt vjaġġ ferrovjarju, mibjugħ fil-forma ta' biljett globali, minħabba dewmien jew kanċellazzjoni ta' servizz preċedenti wieħed jew aktar, jew it-tluq ta' servizz qabel il-ħin ta' tluq skedat;
- (21) "persuna b'diżabbiltà " u "persuna b'mobbiltà mnaqqsa" tfisser kwalunkwe persuna li għandha indeboliment fiżiku, mentali, intellettuali jew li jolqot is-sensi, permanenti jew temporanju li, meta tiltaqa' ma' bosta ostakli, jista' jfixkilha milli tuża t-trasport bis-sħiħ u b'mod effettiv bħall-passiġġieri l-oħra jew li l-mobbiltà tagħha meta tuża t-trasport tonqos minħabba l-età;
- (22) "stazzjon" tfisser post fuq linja ferrovjarja fejn servizz ferrovjarju tal-passiġġieri jista' jibda, jieqaf jew jintemm.

Kapitolu II

Kuntratt ta' trasport, informazzjoni u biljetti

Artikolu 4

Kuntratt ta' trasport

Soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, il-konklużjoni u l-prestazzjoni ta' kuntratt ta' trasport u l-għoti tal-informazzjoni u tal-biljetti għandhom ikunu rregolati mid-dispożizzjonijiet tat-Titolu II u tat-Titolu III tal-Anness I.

Artikolu 5

Kondizzjonijiet kuntrattwali u tariffi nondiskriminatorji

Mingħajr preġudizzju għat-tariffi soċjali, l-impriżi ferrovjarji, il-bejjieġha tal-biljetti jew l-operaturi tal-vjaġġi għandhom joffru kondizzjonijiet kuntrattwali u tariffi lill-pubbliku ġenerali mingħajr diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba n-nazzjonalità tal-passiġġier jew minħabba l-post tal-istabbiliment fl-Unjoni tal-impriża ferrovjarja, il-bejjieġh tal-biljetti jew l-operatur tal-vjaġġi .

L-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu japplika wkoll għall-impriżi ferrovjarji u l-bejjieġha tal-biljetti meta jaċċettaw riservazzjonijiet minn passiġġieri f'konformità l-Artikolu 11.

Artikolu 6

Roti

1. Soġġetti għal-limitazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3, u meta jkun xieraq b'tariffa raġonevoli, il-passiġġieri għandhom ikunu intitolati li jieħdu roti abbord il-ferrovija.

F'każ ta' ferroviji li għalihom hija meħtieġa riservazzjoni, għandu jkun possibbli li ssir riservazzjoni għall-ġarr ta' rota.

Fejn passiġġier ikun għamel riservazzjoni għal rota u fejn il-ġarr ta' dik ir-rota jiġi rifjutat mingħajr raġuni debitament ġustifikata, il-passiġġier għandu jkun intitolat għal ridirezzjonar tar-rota jew rimborż skont l-Artikolu 18, kumpens skont l-Artikolu 19 u assistenza skont l-Artikolu 20(2).

2. Fejn postijiet magħżula għar-roti huma disponibbli abbord il-ferrovija, il-passiġġieri għandhom jistivaw ir-roti tagħhom f'postijiet bħal dawn. Meta postijiet bħal dawn ma jkunux disponibbli, il-passiġġieri għandhom iżommu għajnejhom fuq ir-roti tagħhom, u għandhom jagħmlu kull sforz raġonevoli biex jiżguraw li r-roti tagħhom ma jikkawża l-ebda ħsara jew dannu lill-passiġġieri l-oħrajn, lit-tagħmir tal-mobbiltà, lill-bagalji jew lill-operazzjonijiet ferrovjarji.
3. L-impriżi ferrovjarji jistgħu jirrestrinġu d-dritt tal-passiġġieri li jieħdu r-roti abbord il-ferrovija għal raġunijiet ta' sigurtà jew operazzjonali, b'mod partikolari bħala riżultat tal-limiti ta' kapaċità applikabbli matul is-siġhat l-aktar intensivi, jew fejn il-vetturi ferrovjarji ma jippermettux dan. L-impriżi ferrovjarji jistgħu wkoll jirrestrinġu l-ġarr tar-roti abbażi tal-piżijiet u d-dimensjonijiet tagħhom. Huma għandhom jipubblikaw il-kondizzjonijiet tagħhom għat-trasport tar-roti, inkluż informazzjoni aġġornata dwar id-disponibbiltà tal-kapaċità, billi jużaw l-applikazzjonijiet telematiċi msemmija fir-Regolament (UE) Nru 454/2011 fuq is-siti web uffiċjali tagħhom.
4. Meta jibdew proċeduri ta' akkwist għal vetturi ferrovjarji ġodda, jew meta jwettqu titjib kbir ta' vetturi ferrovjarji eżistenti li jirriżulta fil-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni ġdida ta' vettura għat-tqegħid fis-suq skont l-Artikolu 21(12) tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, l-impriżi ferrovjarji għandhom jiżguraw li l-kompożizzjonijiet tal-ferroviji, li fihom li jintużaw daww il-vetturi ferrovjarji, ikunu mgħammra b'għadd adegwat ta' postijiet għar-roti. Dan is-subparagrafu ma għandux japplika fir-rigward ta' vaguni tar-ristoranti, vaguni tal-irqad jew vaguni kuċċetti.

¹ Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).

L-impriżi ferrovjarji għandhom jiddeterminaw għadd adegwat ta' postijiet għar-roti b'kont meħud tad-daqs tal-kompożizzjoni tal-ferrovija, it-tip ta' servizz u d-domanda għat-trasport tar-roti. L-għadd adegwat ta' postijiet għar-roti għandu jiġi ddefinit fil-pjanijiet imsemmija fil-paragrafu 5. Fejn ma jkunx hemm tali pjanijiet jew il-pjanijiet ma jiddeterminawx tali għadd, kull kompożizzjoni tal-ferrovija għandu jkollha mill-inqas erba' postijiet għar-roti.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu għadd oġġla minn erbgħa bħala l-għadd minimu adegwat għal ċerti tipi ta' servizzi, f'liema każ, dak l-għadd għandu japplika minflok l-għadd identifikat skont it-tieni subparagrafu .

5. L-impriżi ferrovjarji jistgħu jistabbilixxu, u jżommu aġġornati, pjanijiet dwar kif iżidu u jtejbu t-trasport tar-roti, u dwar soluzzjonijiet oħra li jinkoraġġixxu l-użu kkombinat tal-ferroviji u tar-roti.

L-awtoritajiet kompetenti, kif definiti fil-punt (b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, jistgħu jistabbilixxu tali pjanijiet għal servizzi pprovduti skont kuntratti ta' servizz pubbliku. L-Istati Membri jistgħu jesigū li tali pjanijiet jiġu stabbiliti minn dawk l-awtoritajiet kompetenti jew mill-impriżi ferrovjarji li joperaw fit-territorju tagħhom.

6. Il-pjanijiet imsemmija fil-paragrafu 5 għandhom jiġu stabbiliti wara konsultazzjoni tal-pubbliku u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi rilevanti. Dawk il-pjanijiet għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-impriża ferrovjarja jew tal-awtorità kompetenti, kif xieraq.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).

Artikolu 7

Esklużjoni tar-rinunzji u stipulazzjoni tal-limiti

1. L-obbligi lejn il-passiġġieri skont dan ir-Regolament ma jistgħux jiġu limitati jew rinunzjati, b'mod partikolari permezz ta' xi deroga jew klawżola restrittiva fil-kuntratt ta' trasport. Kwalunkwe kondizzjoni kuntrattwali li timplika direttament jew indirettament li tirrinunzja, tidderoga minn jew tirrestrinġi d-drittijiet li jirriżultaw minn dan ir-Regolament ma għandhiex tkun vinkolanti fuq il-passiġġier.
2. L-impriżi ferrovjarji, l-operaturi tal-vjaġġi jew il-bejjieġha tal-biljetti jistgħu joffru kondizzjonijiet kuntrattwali li jkunu aktar favorevoli lill-passiġġieri mill-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 8

L-obbligu li tiġi pprovduta informazzjoni dwar it-twaqqif ta' servizzi

L-impriżi ferrovjarji, jew, meta jkun xieraq, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għal kuntratt ta' servizz ferrovjarju pubbliku għandhom jipubblikaw b'mezzi xierqa, inkluż b'formati aċċessibbli f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/882* u tar-Regolamenti (UE) Nru 454/2011 u Nru 1300/2014, u qabel l-implimentazzjoni tagħhom, id-deċiżjonijiet li jitwaqqfu s-servizzi kemm jekk b'mod permanenti kif ukoll jekk b'mod temporanju.

Artikolu 9

Informazzjoni dwar l-ivvjaġġar

1. L-impriżi ferrovjarji, l-operaturi tal-vjaġġi u l-bejjiġġha tal-biljetti li joffru kuntratti ta' trasport f'isem impriża ferrovjarja waħda jew aktar għandhom jipprovdu lill-passiġġier, fuq talba tiegħu, minn tal-inqas l-informazzjoni mniżżla fl-Anness II, il-Parti I fir-rigward tal-vjaġġi li għalihom jiġi offruti kuntratti ta' trasport mill-impriża ferrovjarja konċernata.
2. L-impriżi ferrovjarji u, fejn possibbli, il-bejjiġġha tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi, għandhom jipprovdu lill-passiġġier, matul il-vjaġġ, mill-inqas l-informazzjoni stipulata fl-Anness II, il-Parti II. Fejn l-amministratur ta' stazzjon ikollu tali informazzjoni, għandu wkoll jipprovdi l-informazzjoni lill-passiġġier.
3. L-informazzjoni imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tingħata bl-aktar format xieraq, fejn possibbli abbażi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar f'ħin reali, inkluż billi jintużaw teknoloġiji adatti tal-komunikazzjoni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat li din l-informazzjoni tkun aċċessibbli f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/882 u r-Regolamenti (UE) Nru 454/2011 u Nru 1300/2014.

Artikolu 10

Aċċess għall-informazzjoni dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar

1. L-amministraturi tal-infrastruttura għandhom iqassmu data f'ħin reali dwar il-wasla u t-tluq tal-ferroviji lill-impriżi ferrovjarji, lill-bejjieġha tal-biljetti, lill-operaturi tal-vjaġġi u lill-amministraturi tal-istazzjonijiet.
2. L-impriżi ferrovjarji għandhom jipprovdu lill-impriżi ferrovjarji l-oħra, lill-bejjieġha tal-biljetti u lill-operaturi tal-vjaġġi li jbigħu s-servizzi tagħhom b'aċċess għall-informazzjoni minima dwar l-ivvjaġġar stipulata fl-Anness II, il-Partijiet I u II, u għall-operazzjonijiet dwar is-sistemi ta' riservazzjoni msemmija fl-Anness II, il-Parti III.
3. L-informazzjoni għandha titqassam u l-aċċess għandu jingħata b'mod nondiskriminatorju u mingħajr dewmien żejjed. Talba ta' darba għandha tkun biżżejjed biex ikun hemm aċċess kontinwu għall-informazzjoni. L-amministratur tal-infrastruttura u l-impriża ferrovjarja li huma obbligati jagħmlu disponibbli l-informazzjoni f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 jistgħu jitolbu l-konklużjoni ta' kuntratt jew arranġament ieħor li abbażi tiegħu titqassam l-informazzjoni jew jingħata l-aċċess.

It-termini u l-kondizzjonijiet ta' kwalunkwe kuntratt jew arranġament għall-użu tal-informazzjoni ma għandhomx jirrestrinġu bla bżonn il-possibiltajiet għall-użu mill-ġdid tagħha jew jintużaw biex jirrestrinġu l-kompetizzjoni.

L-impriżi ferrovjarji jistgħu jirrikjedu mingħand impriżi ferrovjarji oħra, operatori tal-vjaġġi u bejjieġha tal-biljetti kumpens finanzjarju ġust, raġonevoli u proporzjonat għall-ispejjeż imġarrba fl-għoti tal-aċċess, u l-amministraturi tal-infrastruttura jistgħu jitolbu kumpens f'konformità mar-regoli applikabbli.

4. L-informazzjoni għandha titqassam u l-aċċess għandu jiġi jingħata b'mezzi tekniċi xierqa, bħal interfaċċi għall-iprogrammar tal-applikazzjonijiet .
5. Sa fejn dik l-informazzjoni koperta mill-paragrafi 1 jew 2 tiġi pprovduta f'konformità ma' atti legali oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament Delegat tal-Kommissjoni (UE) 2017/1926¹, l-obbligi korrispondenti skont dan l-Artikolu għandhom jitqiesu li ġew issodisfati.

Artikolu 11

Disponibbiltà tal-biljetti u tar-riservazzjonijiet

1. L-impriżi ferrovjarji, il-bejjieġha tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġ għandhom joffru biljetti u, fejn disponibbli, biljetti globali u riservazzjonijiet.
2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 3 u 4, l-impriżi ferrovjarji għandhom ibiegħu, jew direttament jew permezz ta' bejjieġha tal-biljetti jew operatori tal-vjaġġi, il-biljetti lill-passiġġieri permezz ta' minn tal-inqas wieħed mill-mezzi ta' bejgħ li ġejjin:
 - (a) l-uffiċċji tal-biljetti, punti ta' bejgħ oħrajn jew bil-magni tal-biljetti;

¹ Ir-Regolament Delegat tal-Kommissjoni (UE) 2017/1926 tal-31 ta' Mejju 2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha (ĠU L 272, 21.10.2017, p. 1).

- (b) it-telefon, l-internet jew xi teknoloġija tal-informatika oħra disponibbli b'mod wiesa';
- (c) abbord il-ferroviji.

L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt (b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, jistgħu jeżiġu li l-impriżi ferrovjarji joffru biljetti għas-servizzi pprovduti skont kuntratti ta' servizz pubbliku permezz ta' aktar minn mezz wieħed tal-bejgħ.

3. Meta ma jkunx hemm uffiċċju tal-biljetti jew magna tal-biljetti fl-istazzjon tat-tluq, il-passiġġieri għandhom ikunu infurmati fl-istazzjon dwar:
 - (a) il-possibbiltà li jixtru l-biljetti bit-telefown jew bl-internet jew abbord il-ferrovija, u dwar il-proċedura għal dan ix-xiri;
 - (b) l-eqreb stazzjon tal-ferrovija jew post fejn hemm uffiċċju tal-biljetti jew magni tal-biljetti.
4. Fejn la jkun hemm uffiċċju tal-biljetti, la magna tal-biljetti aċċessibbli fl-istazzjon tat-tluq u l-ebda mezz ieħor aċċessibbli biex jinxtara biljett minn qabel, il-persuni b'diżabbiltà għandhom ikunu jistgħu jixtru l-biljetti fuq il-ferrovija mingħajr ebda spiża żejda. L-impriżi ferrovjarji jistgħu jillimitaw jew jiċħdu dan id-dritt għal raġunijiet ġustifikabbli relatati mas-sigurtà jew mar-riservazzjoni obbligatorja tal-ferrovija.

Meta ma jkunx hemm persunal abbord il-ferrovija, l-impriża ferrovjarja għandha tinforma lill-persuni b'diżabbiltà dwar jekk għandhomx jixtru l-biljett u tinformahom dwar kif jixtru l-biljett.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-impriżi ferrovjarji jirrikjedu li l-persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa jiġu rikonoxxuti bħala tali f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali rilevanti tal-pajjiż ta' residenza tagħhom.

L-Istati Membri jistgħu jestendu d-dritt imsemmi fl-ewwel subparagrafu għall-passiġġieri kollha. Fejn l-Istati Membri japplikaw din l-għażla, huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji għandha tippubblika l-informazzjoni fuq is-sit web tagħha relatata mal-implimentazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 454/2011 u Nru 1300/2014.

Artikolu 12

Biljetti globali

1. Meta s-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri fuq distanza twila jew reġjonali jitħaddmu minn impriża ferrovjarja waħda, din għandha toffri biljett globali għal dawk is-servizzi. Għal servizzi ferrovjarji oħra tal-passiġġieri, l-impriżi ferrovjarji għandhom jagħmlu l-isforzi raġonevoli kollha biex joffru biljetti globali u għandhom jikkooperaw bejniethom għal dak il-għan.

Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, it-terminu "impriża ferrovjarja waħda" għandu jinkludi wkoll l-impriżi ferrovjarji kollha li jew huma proprjetà sħiħa tal-istess sid jew li huma kompletament il-proprjetà ta' impriżi sussidjarji ta' waħda mill-impriżi ferrovjarji involuti.

2. Għal vjaġġi li jinkludu konnessjoni waħda jew aktar, il-passiġġier għandu jkun infurmat qabel ma jixtri biljett jew biljetti jekk dak il-biljett jew dawk il-biljetti jkunux jikkostitwixxu biljett globali.
3. Għal vjaġġi li jinkludu konnessjoni waħda jew aktar, biljett jew biljetti, mixtrija fi tranżazzjoni kummerċjali unika mingħand impriża ferrovjarja, għandhom jikkostitwixxu biljett globali u l-impriża ferrovjarja għandha tkun responsabbli skont l-Artikoli 18, 19 u 20 jekk il-passiġġier jitlef konnessjoni waħda jew aktar.
4. Fejn biljett jew biljetti jinxtraw fi tranżazzjoni kummerċjali waħda u l-bejgiegħ tal-biljetti jew l-operatur tal-vjaġġi jkun għaqqad il-biljetti fuq inizjattiva tiegħu stess, il-bejgiegħ tal-biljetti jew l-operatur tal-vjaġġi li biegħ il-biljett jew il-biljetti għandu jkun responsabbli li jirrimborża l-ammont totali mħallas għal dik it-tranżazzjoni għal biljett jew biljetti u, barra minn hekk, li jħallas kumpens ekwivalenti għal 75 % ta' dak l-ammont fil-każ li l-passiġġier jitlef konnessjoni waħda jew aktar.

Id-dritt għal rimborż jew għal kumpens imsemmi fl-ewwel subparagrafu huwa mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali applikabbli li tagħti aktar kumpens għad-danni lill-passiġġieri.
5. Ir-responsabbiltajiet stipulati fil-paragrafi 3 u 4 ma għandhomx japplikaw jekk ikun hemm referenza fuq il-biljetti, jew fuq dokument ieħor jew b'mod elettroniku b'tali mod li l-passiġġier ikun jista' jirriproduċi l-informazzjoni għal referenza fil-futur, li l-biljetti jirrappreżentaw kuntratti ta' trasport separati, u l-passiġġier ġie infurmat b'dan qabel ix-xiri.

6. L-oneru tal-prova li l-passiġġier ġie pprovdut bl-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu kienet i għandha tkun f'idejn l-impriża ferrovjarja, l-operatur tal-vjaġġi jew il-bejjiġġ tal-biljetti li bieġġ il-biljett jew biljetti.
7. Il-bejjiġġ tal-biljetti jew l-operaturi tal-vjaġġi għandhom ikunu responsabbli biex jitrattaw it-talbiet u l-ilmenti possibbli tal-passiġġier skont il-paragrafu 4. Ir-rimborżi u l-kumpens imsemmija fil-paragrafu 4 għandhom jitħallsu fi żmien 30 jum minn meta tasal it-talba.

Kapitolu III

Responsabbiltà tal-impriżi ferrovjarji għall-passiġġieri u l-bagalji tagħhom

Artikolu 13

Responsabbiltà għall-passiġġieri u l-bagalji

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, u mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali applikabbli li tagħti lill-passiġġieri aktar kumpens għad-danni, ir-responsabbiltà tal-impriżi ferrovjarji fir-rigward tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom għandha tkun irregolata mill-Kapitoli I, III u IV tat-Titolu IV, it-Titolu VI u t-Titolu VII tal-Anness I.

Artikolu 14

Assigurazzjoni u kopertura tar-responsabbiltà

Impriża ferrovjarja għandha tkun assigurata b'mod xieraq jew ikollha garanziji adegwati skont il-kondizzjonijiet tas-suq biex tkopri r-responsabbiltajiet tagħha, f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/34/UE.

Artikolu 15

Ħlasijiet bil-quddiem

1. Jekk passiġġier jiġi maqgħul jew imweggħa', l-impriża ferrovjarja kif jingħad fl-Artikolu 26(5) tal-Anness I għandha mingħajr dewmien, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 15-il jum wara li tkun għet stabbilita l-identità tal-persuna fiżika intitolata għall-kumpens, tagħmel tali ħlasijiet bil-quddiem kif ikun jeħtieġ biex jintlaħqu l-ħtiġijiet l-aktar immedjati fuq bażi proporzjonali għall-ħsara mġarrba.
2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-ħlas bil-quddiem ma għandux ikun inqas minn EUR 21 000 għal kull passiġġier f'każ ta' mewt.
3. Il-ħlas bil-quddiem ma jikkostitwix ammissjoni tar-responsabbiltà u jista' jitpaċa minn kwalunkwe somma mħallsa wara abbażi ta' dan ir-Regolament iżda ma jingħatax lura, ħlief meta d-dannu jkun sar bin-negliġenza jew bi ħtija tal-passiġġier jew meta l-persuna li rċeviet il-ħlas bil-quddiem ma kinitx il-persuna intitolata għall-kumpens.

Artikolu 16

Kontestazzjoni tar-responsabbiltà

Anke jekk l-impriża ferrovjarja tikkontesta r-responsabbiltà tagħha għall-korriment fiżiku ta' passiġġier li hi terfa', din għandha tagħmel kull sforz raġonevoli biex tassisti lil passiġġier fit-talba tiegħu għal kumpens għad-dannu mingħand partijiet terzi.

Kapitolu IV

Dewmien, konnessjonijiet mitlufa u kanċellazzjonijiet

Artikolu 17

Responsabbiltà għal dewmien, konnessjonijiet mitlufa u kanċellazzjonijiet

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, ir-responsabbiltà tal-impriżi ferrovjarji fejn jidħlu dewmien, konnessjonijiet mitlufa u kanċellazzjonijiet għandha tkun irregolata mill-Kapitolu II tat- Titolu IV tal-Anness I.

Artikolu 18

Rimborż u ridirezzjonar tar-rotta

1. F'każ li jkun mistenni b'mod raġonevoli, jew fil-post tat-tluq jew f'każ ta' konnessjonijiet mitlufa jew kanċellazzjoni, li d-dewmien fil-wasla fid-destinazzjoni finali skont il-kuntratt ta' trasport ser ikun ta' 60 minuta jew aktar, l-impriża ferrovjarja li topera s-servizz ittardjat jew ikkanċellat għandha immedjatement toffri lill-passiġġier l-għażla bejn waħda minn dawn l-opzjonijiet li ġejjin, u għandha tagħmel l-arranġamenti meħtieġa:
 - (a) rimborż sħiħ ta' kemm jiswa l-biljett, skont il-kondizzjonijiet li bihom ikun tħallas, għall-parti jew għall-partijiet tal-vjaġġ tiegħu li ma għamilx u għall-parti jew għall-partijiet li diġà saru jekk il-vjaġġ ma jkunx għad fadallu skop fir-rigward tal-pjan oriġinali tal-vjaġġ tal-passiġġier, u meta rilevanti jingħata wkoll servizz għar-ritorn lejn l-ewwel punt tat-tluq mal-ewwel opportunità;
 - (b) tkompliġa jew ridirezzjonar tar-rotta, b'kondizzjonijiet tat-trasport komparabbli, lejn id-destinazzjoni finali mal-ewwel opportunità;
 - (c) tkompliġa jew ridirezzjonar tar-rotta, b'kondizzjonijiet tat-trasport komparabbli, lejn id-destinazzjoni finali f'data aktar tard skont il-konvenjenza tal-passiġġier.

2. Fejn, għall-finijiet tal-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1, ir-ridirezzjonar tar-rotta komparabbli jkun operat mill-istess impriża ferrovjarja jew minn impriża oħra kkummissjonati biex twettaq dan ir-ridirezzjonar tar-rotta ma għandux iwassal għal spejjeż addizzjonali għall-passiġġier. Dan ir-rekwiżit japplika wkoll meta r-ridirezzjonar tar-rotta jinvolvi l-użu ta' trasport ta' klassi ta' servizz oġhla u mezzi alternattivi ta' trasport. L-impriżi ferrovjarji għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli biex jevitaw konnessjonijiet addizzjonali u biex jiżguraw li d-dewmien fit-tul totali tal-vjaġġ ikun qasir kemm jista' jkun. Il-passiġġieri m'għandhomx jingħataw faċilitajiet tat-trasport ta' klassi aktar baxxa għajr meta dawn il-faċilitajiet ikunu l-uniku mezz ta' ridirezzjonar disponibbli.
3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-impriża ferrovjarja tista' tippermetti lill-passiġġier, fuq talba tiegħu, li jikkonkludi kuntratti ma' fornituri oħra ta' servizzi tat-trasport li jippermettu lill-passiġġier jilħaq id-destinazzjoni finali taħt kondizzjonijiet komparabbli, f'liema każ l-impriża ferrovjarja għandha tirrimborża lura lill-passiġġier għall-ispejjeż imġarrba minnu.

Fejn l-għażliet disponibbli għar-ridirezzjonar ma jiġux ikkomunikati lill-passiġġier fi żmien 100 minuta mill-ħin skedat għat-tluq tas-servizz ittardjat jew ikkanċellat jew tal-konnessjoni mitlufa, il-passiġġier għandu jkun intitolat li jikkonkludi tali kuntratt ma' fornituri oħra ta' servizz ta' trasport pubbliku bil-ferrovija, coach jew xarabank. L-impriża ferrovjarja għandha tirrimborża l-ispejjeż meħtieġa, xierqa u raġonevoli mġarrba minnu.

Dan il-paragrafu ma għandux jaffettwa l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jagħtu kondizzjonijiet aktar favorevoli ta' ridirezzjonar tar-rotta lill-passiġġieri.

4. Il-fornituri tas-servizzi tat-trasport għal ridirezzjonar tar-rotta għandhom jipprovdu lill-persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa b'livell komparabbli ta' assistenza u aċċessibbiltà meta joffru servizz alternattiv. Il-fornituri tas-servizzi tat-trasport għal ridirezzjonar tar-rotta jistgħu jipprovdu lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa b'servizzi alternattivi li jkunu xierqa għall-ħtiġijiet tagħhom u li jkunu differenti minn dawk offruti lill-passiġġieri l-oħra.
5. Ir-rimborżi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u fil-paragrafu 3 għandhom jitħallsu fi żmien 30 jum wara li tasal it-talba. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-impriżi ferrovjarji jaċċettaw dawn it-talbiet b'mezzi ta' komunikazzjoni partikolari, sakemm it-talba ma toħloqx effetti diskriminatorji. Ir-rimborż jista' jkun fil-forma ta' vouchers u/jew forniment ta' servizzi oħra sakemm it-termini ta' dawk il-vouchers u/jew servizzi jkunu flessibbli biżżejjed, b'mod partikolari fir-rigward tal-perijodu tal-validità u d-destinazzjoni, u li l-passiġġier jaqbel li jaċċetta dawk il-vouchers u/jew servizzi. Ir-rimborż tal-prezz tal-biljett ma għandux jitnaqqas bi spejjeż ta' tranżazzjonijiet finanzjarji bħal miżati, spejjeż tat-telefon jew bolol.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi formola komuni għat-talbiet għal rimborż skont dan ir-Regolament sa ... [24 xhar wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Dik il-formola komuni għandha tkun stabbilita f'format li jkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 38(2).
7. Il-passiġġieri għandu jkollhom id-dritt li jressqu t-talbiet tagħhom permezz tal-formola msemmija fil-paragrafu 6. L-impriżi ferrovjarji ma għandhomx jirrifjutaw talba għal rimborż sempliċiment għax il-passiġġier ma jkunx uża dik il-formola. Jekk talba ma tkunx preċiża biżżejjed, l-impriża ferrovjarja għandha titlob lill-passiġġier biex jiċċara t-talba u għandha tassisti lill-passiġġier biex jagħmel dan.

Artikolu 19

Kumpens

1. Mingħajr ma jitlef id-dritt għat-trasport, passiġġier huwa intitolat għal kumpens għal dewmien mingħand l-impriża ferrovjarja jekk id-dewmien ikun bejn il-post ta' tluq u d-destinazzjoni finali mogħtija fuq il-biljett jew il-biljett globali li għalih il-prezz ma ġiex rimborżat f'konformità mal-Artikolu 18. Il-kumpens minimu għad-dewmien għandu jkun kif ġej:
 - (a) 25 % tal-prezz tal-biljett f'każ ta' dewmien minn 60 minuta sa 119-il minuta;

(b) 50 % tal-prezz tal-biljett f'każ ta' dewmien ta' 120 minuta jew aktar.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għall-passiġġieri li jkollhom pass tal-ivvjaġġar jew biljett staġonali. Jekk daww il-passiġġieri jaffaċċjaw dewmien jew kanċellazzjonijiet rikorrenti matul il-perijodu ta' validità tal-pass tal-ivvjaġġar jew biljett staġonali, huma għandhom ikunu intitolati għal kumpens adegwat skont l-arranġamenti ta' kumpens tal-impriża ferrovjarja. Dawn l-arranġamenti għandhom jistabbilixxu l-kriterji għad-determinazzjoni tad-dewmien u għall-kalkolu tal-kumpens. Meta d-dewmien ta' inqas minn 60 minuta jseħħ b'mod ripetut waqt il-perijodu ta' validità tal-pass tal-ivvjaġġar jew tal-biljett staġonali, id-dewmien jista' jiġi kkalkulat b'mod kumulattiv u l-passiġġieri jistgħu jiġu kumpensati skont l-arranġamenti ta' kumpens tal-impriża ferrovjarja.
3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-kumpens għad-dewmien għandu jiġi kkalkulat f'relazzjoni mal-prezz sħiħ li l-passiġġier ikun fil-fatt ħallas għas-servizz ittardjat. Meta l-kuntratt ta' trasport ikun għal vjaġġ bir-ritorn, il-kumpens għal dewmien jew tal-parti tat-tluq tal-vjaġġ jew tal-parti tar-ritorn għandu jiġi kkalkulat fuq il-prezz indikat għal dik il-parti tal-vjaġġ fuq il-biljett. Meta ma jkunx hemm indikazzjoni bħal din tal-prezz tal-partijiet individwali tal-vjaġġ, il-kumpens għandu jiġi kkalkulat b'rabta ma' nofs il-prezz imħallas għall-biljett. Bl-istess mod, il-prezz għad-dewmien fis-servizz pprovdut taħt kwalunkwe kuntratt ta' trasport ieħor li jintitola ill-passiġġier li jivvjaġġa għal żewġ partijiet sussegwenti jew aktar sussegwenti għandu jiġi kkalkulat bi proporzjon mal-prezz sħiħ.

4. Il-kalkolu tal-perijodu tad-dewmien ma għandux iqis kull dewmien li l-impriża ferrovjarja tista' turi li seħħ barra mill-Unjoni.
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi formola komuni għat-talbiet għal kumpens skont dan ir-Regolament sa ... [24 xhar wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Dik il-formola komuni għandha tkun stabbilita f'format li jkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqa. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 38(2).
6. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-impriżi ferrovjarji jaċċettaw talbiet għal kumpens b'mezzi partikolari ta' komunikazzjoni, sakemm it-talba ma toħloqx effetti diskriminatorji. Il-passiġġieri għandu jkollhom id-dritt li jressqu t-talbiet tagħhom permezz tal-formola msemmija fil-paragrafu 5. L-impriżi ferrovjarji ma għandhomx jirrifjutaw talba għal kumpens sempliċiment għax il-passiġġier ma jkunx uża dik il-formola. Jekk talba ma tkunx preċiża biżżejjed, l-impriża ferrovjarja għandha titlob lill-passiġġier biex jiċċara t-talba u għandha tassisti lill-passiġġier biex jagħmel dan.
7. Il-kumpens tal-prezz tal-biljett għandu jiġi mħallas fi żmien xahar wara s-sottomissjoni tat-talba għal kumpens. Il-kumpens jista' jitħallas f'vouchers u/jew servizzi oħra jekk it-termini huma flessibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-perijodu tal-validità u d-destinazzjoni. Il-kumpens għandu jitħallas fi flus fuq talba tal-passiġġier.

8. Il-kumpens tal-prezz tal-biljett ma għandux jitnaqqas bi spejjeż ta' tranżazzjonijiet finanzjarji bħal miżati, spejjeż tat-telefon jew bolol. L-impriża ferrovjarja jistgħu jdaħħlu livell minimu li inqas minnu ma jsirux ħlasijiet ta' kumpens. Dan il-livell ma jistax ikun aktar minn EUR 4 għal kull biljett.
9. Il-passiġġieri ma għandu jkollhom l-ebda dritt għal kumpens jekk jiġu infurmati bid-dewmien qabel jixtru l-biljett, jew jekk id-dewmien, minħabba kontinwazzjoni fuq servizz differenti jew ridirezzjonar tar-rotta, jibqa' inqas minn 60 minuta.
10. Impriża ferrovjarja ma għandhiex tkun obbligata tħallas kumpens jekk iġġib prova li d-dewmien, il-konnessjoni mitlufa jew il-kanċellazzjoni kienet ikkawżata direttament minn, jew ġiet marbuta b'mod inerenti ma':
 - (a) ċirkostanzi straordinarji mhux konnessi mal-operat tal-linja tal-ferrovija, bħal pereżempju kondizzjonijiet ta' temp estremi, diżastri naturali kbar jew kriżijiet kbar ta' saħħa pubblika, li l-impriża ferrovjarja, minkejja li tkun ħadet ħsieb kif meħtieġ fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ma setgħetx tevita u li ma setgħetx tipprevjeni l-konsegwenzi tagħhom;
 - (b) tort min-naħa tal-passiġġier; jew

- (c) L-imġiba ta' parti terza li l-impriża ferrovjarja, minkejja li tkun ħadet ħsieb kif meħtieġa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ma setgħetx tevita u li ma setgħetx tipprevjeni l-konsegwenzi tagħhom, bħal persuni fuq il-linji ferrovjarji, serq ta' kejbils, emerġenzi abbord, attivitajiet tal-infurzar tal-liġi, sabotaġġ jew terroriżmu.

Strajks mill-persunal tal-impriża ferrovjarja, atti jew ommissjonijiet minn impriża oħra li tuża l-istess infrastruttura ferrovjarja u atti jew ommissjonijiet tal-infrastruttura u tal-amministraturi tal-istazzjonijiet mhumiex koperti mill-eżenzjoni msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu.

Artikolu 20

Assistenza

1. F'każ ta' dewmien fil-wasla jew fit-tluq, jew kanċellazzjoni ta' servizz, il-passiġġieri għandhom jinżammu infurmati dwar is-sitwazzjoni u l-ħin stmat tat-tluq u l-ħin stmat tal-wasla tas-servizz jew is-servizz ta' sostituzzjoni mill-impriża ferrovjarja jew mill-amministratur tal-istazzjon hekk kif tali informazzjoni tkun disponibbli. Meta l-bejgiegħa tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi jkollhom tali informazzjoni, għandhom jipprovduha wkoll lill-passiġġier.

2. Meta d-dewmien imsemmi fil-paragrafu 1 jammonta għal 60 minuta jew aktar, jew is-servizz jiġi kkanċellat, l-impriża ferrovjarja li topera s-servizz ittardjat jew ikkanċellat għandha toffri bla ħlas lill-passiġġieri dan li ġej:
- (a) ikliet u xarbiet b'mod raġonevoli skont il-ħin tal-istennija, jekk ikunu disponibbli fuq il-ferrovija jew fl-istazzjon jew jistgħu b'mod raġonevoli jkunu pprovduti, filwaqt li jitqiesu kriterji bħad-distanza mill-fornitur, il-ħin meħtieġ għat-twassil u l-ispiża;
 - (b) lukanda jew akkomodazzjoni oħra, u trasport bejn l-istazzjon ferrovjarju u l-post tal-akkomodazzjoni, f'każijiet fejn jeħtieġu waqfa ta' lejl jew aktar jew tkun meħtieġa waqfa addizzjonali, fejn u meta jkun fiżikament possibbli. F'każijiet fejn tali soġġorn isir b'zonnjuż minħabba ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 19(10), l-impriża ferrovjarja tista' tillimita t-tul tal-akkomodazzjoni għal massimu ta' tlett iljeli. Għandhom jitqiesu r-rekwiżiti tal-aċċess tal-persuni b'diżabbiltà u b'mobbiltà mnaqqsa u l-ħtiġijiet tal-klieb ta' assistenza, kull meta jkun possibbli;
 - (c) jekk il-ferrovija tkun imwaħħla fuq il-linji, trasport mill-ferrovija sal-istazzjon ferrovjarju, sal-punt tat-tluq alternattiv jew sad-destinazzjoni finali tas-servizz, fejn u meta jkun fiżikament possibbli.

3. Jekk is-servizz ferrovjarju jiġi interrott u ma jkunx jista' jitkompla aktar jew ma jkunx jista' jitkompl f'perijodu raġonevoli, l-impriżi ferrovjarji għandhom jipprovdu lill-passiġġieri kemm jista' jkun malajr b'servizzi ta' trasport alternattiv u jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa.
4. L-impriżi ferrovjarji għandhom jinfurmaw lill-passiġġieri affettwati dwar kif jitolbu ċertifikazzjoni li s-servizz tal-ferrovija kellu dewmien, wassal għal konnessjoni mitlufa jew għal kanċellazzjoni. Din iċ-ċertifikazzjoni għandha tapplika wkoll b'rabta mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19.
5. Fl-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4, l-impriża ferrovjarja li tkun qed topera għandha tagħti attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqa, kif ukoll ta' dawk ta' kwalunkwe persuna li tkun qed takkumpanjahom u tal-klieb ta' assistenza.
6. Meta jiġu stabbiliti pjanijiet ta' kontinġenza skont l-Artikolu 13a(3) tad-Direttiva 2012/34/UE, l-impriżi ferrovjarji għandhom jikkoordinaw mal-amministratur tal-istazzjon u mal-amministratur tal-infrastruttura sabiex huma jkunu ppreparati għall-possibbiltà ta' interruzzjoni maġġuri u dewmien twil li jwassal biex numru konsiderevoli ta' passiġġieri jitħallew l-art fl-istazzjon. Tali pjanijiet ta' kontinġenza għandhom jinkludu rekwiżiti għall-aċċessibbiltà tas-sistemi ta' twissija u ta' informazzjoni.

Kapitolu V

Persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa

Artikolu 21

Id-dritt għal trasport

1. L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet, bl-involviment attiv ta' organizzazzjonijiet rappreżentattivi u, fejn rilevanti, ta' rappreżentanti ta' persuni b'diżabbiltà jew persuni b'mobbiltà mnaqqsa, għandhom jistabbilixxu jew għandu jkollhom stabbiliti regoli ta' aċċess nondiskriminatorji għat-trasport ta' persuni b'diżabbiltà, li jinkludu l-assistenti personali tagħhom rikonoxxuti bħala tali skont il-prattiki nazzjonali, u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa. Dawk ir-regoli għandhom iqisu l-ftehimiet imsemmija fil-punt 4.4.3 tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 1300/2014, b'mod partikolari fir-rigward tal-entità responsabbli biex tipprovdi l-assistenza lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa.
2. Ir-riservazzjonijiet u l-biljetti għandhom jiġu offruti lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa mingħajr spejjeż żejda. L-impriżi ferrovjarji, il-bejjiegħa tal-biljetti jew l-operaturi tal-vjaġġi ma għandhomx jirrifjutaw milli jaċċettaw riservazzjoni jew joħorġu biljett lil persuna b'diżabbiltà jew lil persuna b'mobbiltà mnaqqsa, jew milli jeżiġu li dik il-persuna tkun akkumpanjata minn persuna oħra, għajr meta dan ikun strettament meħtieġ għal konformità mar-regoli tal-aċċess imsemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 22

Informazzjoni lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqa

1. Fuq talba, amministratur tal-istazzjon, impriża ferrovjarja, bejjiegħ tal-biljetti jew operatur tal-vjaġġi għandhom jagħtu lil persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqa l-informazzjoni, inkluż f'formati aċċessibbli skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (UE) Nru 454/2011 u Nru 1300/2014 u d-Direttiva (UE) 2019/882, dwar l-aċċessibbiltà tal-faċilitajiet fl-istazzjon u ta' faċilitajiet assoċjati, u tas-servizzi ferrovjarji u dwar il-kondizzjonijiet tal-aċċess ta' vetturi ferrovjarji skont ir-regoli tal-aċċess imsemmija fl-Artikolu 21(1) u għandhom jinfurmaw lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqa dwar il-faċilitajiet abbord.
2. Meta impriża ferrovjarja, bejjiegħ tal-biljetti jew operatur tal-vjaġġi jagħmlu użu mid-deroga stabbilita fl-Artikolu 21(2), dawn għandhom fuq talba jinfurmaw bil-miktub lill-persuna b'diżabbiltà jew lill-persuna b'mobbiltà mnaqqa kkonċernata bir-raġuni għalfejn għamlet hekk, fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mir-rifjut milli taċċetta r-riservazzjoni jew milli jinħareġ biljett jew mill-impożizzjoni tal-kondizzjoni ta' akkumpanjament. L-impriża ferrovjarja, il-bejjiegħ tal-biljetti jew l-operatur tal-vjaġġi għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli biex jipproponu alternattiva tat-trasport aċċettabbli lill-persuna kkonċernata filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-aċċessibbiltà tagħha.

3. Fi stazzjonijiet mingħajr persunal, l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet għandhom jiżguraw li l-informazzjonidisponibbli faċilment, inkluż f'formati aċċessibbli skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (UE) Nru 454/2011 u Nru 1300/2014 u d-Direttiva (UE) 2019/882, tkun esposta skont ir-regoli tal-aċċess imsemmija fl-Artikolu 21(1) dwar l-eqreb stazzjonijiet b'persunal u dwar id-disponibbiltà diretta ta assistenza għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

Artikolu 23

Assistenza fl-istazzjonijiet ferrovjarji u abbord

1. Il-persuni b'diżabbiltà jew persuni b'mobbiltà mnaqqsa għandhom jiġu assistiti kif ġej:
- (a) l-assistent personali, rikonoxxut bħala tali f'konformità mal-prattiki nazzjonali, jista' jivvjaġġa b'tariffa speċjali u, jekk applikabbli, mingħajr ħlas u jkun bilqiegħda, fejn prattikabbli, maġenb il-persuna b'diżabbiltà;
 - (b) meta impriża ferrovjarja teħtieġ li passiġġier jiġi akkumpanjat abbord ferrovija skont l-Artikolu 21(2), il-persuna li takkumpanjah għandha tkun intitolata li tivvjaġġa mingħajr ħlas u li tkun bilqiegħda, fejn ikun prattikabbli, ħdejn il-persuna b'diżabbiltà jew il-persuna b'mobbiltà mnaqqsa;
 - (c) kelb ta' assistenza għandu jitħalla jakkumpanjawhom skont kwalunkwe liġi nazzjonali rilevanti;

- (d) għal ferroviji mingħajr persunal, l-amministraturi tal-istazzjonijiet jew l-impriżi ferrovjarji għandhom jipprovdu assistenza mingħajr ħlas, f'konformità mar-regoli ta' aċċess imsemmija fl-Artikolu 21(1), matul l-imbark u l-inżul minn ferrovija meta jkun hemm persunal imħarreġ fuq xogħol fl-istazzjon;
- (e) mit-tluq, waqt it-tranżitu jew mal-wasla fi stazzjon tal-ferrovija bil-persunal, l-amministratur tal-istazzjoni jew l-impriża ferrovjarja għandhom jipprovdu assistenza mingħajr ħlas b'tali mod li dik il-persuna tkun tista' titla' abbord il-ferrovija, tittrasferixxi għal servizz ferrovjarju ta' konnessjoni li jkollha biljett għalih, jew tinżel mill-ferrovija, dment li jkun hemm persunal imħarreġ fuq xogħol. Meta l-ħtieġa għall-assistenza tkun ġiet innotifikata minn qabel skont il-punt (a) tal-Artikolu 24, l-amministratur tal-istazzjon jew l-impriża ferrovjarja għandha tiżgura li l-assistenza tiġi pprovduta kif mitlub;
- (f) fi stazzjonijiet mingħajr persunal, l-impriżi ferrovjarji għandhom jipprovdu assistenza mingħajr ħlas abbord ferrovija u matul it-tluġ u l-inżul minn ferrovija jekk il-ferrovija tkun akkumpanjata minn persunal imħarreġ;
- (g) fin-nuqqas ta' persunal ta' akkumpanjament imħarreġ abbord ferrovija u fi stazzjon, l-amministraturi tal-istazzjonijiet jew l-impriżi ferrovjarji għandhom jagħmlu l-isforzi raġonevoli kollha biex il-persuni b'diżabbiltà jew il-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jkollhom aċċess għall-vjaġġ bil-ferrovija.

- (h) l-impriżi ferrovjarji għandhom jagħmlu kull sforz raġonevoli biex jipprovdu lill-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa aċċess għall-istess servizzi abbord bħal passiġġieri oħrajn, fejn dawn il-persuni ma jistax ikollhom aċċess għal dawk is-servizzi b'mod indipendenti u sigur.
2. Ir-regoli msemmija fl-Artikolu 21(1) għandhom jistabbilixxu l-arranġamenti għall-eżerċizzju tad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 24

Kondizzjonijiet biex tingħata l-assistenza

L-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi tal-istazzjonijiet, il-bejjieġha tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi għandhom jikkooperaw biex jiprovdu assistenza mingħajr ħlas lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, kif speċifikat fl-Artikoli 21 u 23 waqt li joffru mekkaniżmu ta' notifika waħda, skont il-punti li ġejjin:

- (a) l-assistenza għandha tingħata bil-kondizzjoni li l-impriża ferrovjarja, l-amministratur tal-istazzjon, il-bejjieġh tal-biljetti jew l-operatur tal-vjaġġi li mingħandu nxtara l-biljett, jew il-Punt Uniku ta' Kuntatt imsemmi fil-punt (f), fejn applikabbli, jiġi nnotifikat bil-ħtieġa tal-passiġġier għal din l-assistenza mill-inqas 24 siegħa qabel ma tkun meħtieġa l-assistenza. Notifika waħda għal kull vjaġġ bil-ferrovija għandha tkun biżżejjed. Dawn in-notifiki għandhom jintbagħtu lill-impriżi ferrovjarji kollha u lill-amministraturi tal-istazzjonijiet kollha involuti fil-vjaġġ.

Tali notifikasi għandhom jiġu aċċettati mingħajr spejjeż addizzjonali, irrispettivament mill-mezzi ta' komunikazzjoni li jkunu qed jintużaw.

Meta xi biljett jew xi biljett staġonali jippermettu aktar minn vjaġġ wieħed, notifika waħda għandha tkun biżżejjed dment li tingħata l-informazzjoni adegwata dwar il-ħin tal-vjaġġi sussegwenti, u fi kwalunkwe każ 24 siegħa qabel l-ewwel darba li tkun meħtieġa l-assistenza. Il-passiġġier jew ir-rappreżentant tiegħu jew tagħha għandu jagħmel kull sforz raġonevoli biex jinforma dwar kwalunkwe annullament ta' tali vjaġġi sussegwenti mill-inqas 12-il siegħa qabel.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu l-perijodu ta' 24 siegħa għan-notifiki msemmija fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet subparagrafi jiġi estiż sa 36 siegħa, iżda mhux lil hinn mit-30 ta' Ġunju 2026. F'dawk il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b' dak il-permess u jipprovdu informazzjoni dwar il-miżuri meħuda jew previsti biex jitnaqqas il-perijodu;

- (b) l-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi tal-istazzjonijiet, il-bejjieġha tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirċievu n-notifiki. Fejn il-bejjieġha tal-biljetti ma jkunux jistgħu jipproċessaw tali notifiki, huma għandhom jindikaw punti alternattivi ta' xiri jew mezzi alternattivi biex jagħmlu n-notifika;
- (c) jekk ma ssir l-ebda notifika skont il-punt (a), l-impriża ferrovjarja u l-amministratur tal-istazzjon għandhom jagħmlu kull sforz raġonevoli biex jipprovdu l-assistenza b'mod li l-persuna b'diżabbiltà jew il-persuna b'mobbiltà mnaqqsa tkun tista' tivvjaġġa;

- (d) mingħajr preġudizzju għall-punt (f) ta' dan l-Artikolu, l-amministratur tal-istazzjon jew kwalunkwe persuna oħra awtorizzata għandha tagħżel punti li fihom il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jistgħu jgħarrfu bil-wasla tagħhom fl-istazzjon tal-ferrovija u jitolbu l-assistenza. Ir-responsabbiltajiet rigward l-għażla ta' dawn il-punti u l-provvediment ta' informazzjoni dwarhom għandhom jiġu stabbiliti fir-regoli tal-aċċess imsemmija fl-Artikolu 21(1);
- (e) l-assistenza għandha tingħata bil-kondizzjoni li l-persuna b'diżabbiltà jew il-persuna b'mobbiltà mnaqqsa tippreżenta ruħha fil-punt magħżul f'ħin stipulat mill-impriża ferrovjarja jew mill-amministratur tal-istazzjon li jipprovdu din l-assistenza. Kwalunkwe ħin stipulat ma għandux ikun iktar minn 60 minuta qabel il-ħin tat-tluq ippublikat jew il-ħin li fih il-passiġġieri kollha jintalbu jagħmlu check-in. Jekk ma jkun stipulat l-ebda ħin meta l-persuna b'diżabbiltà jew il-persuna b'mobbiltà mnaqqsa jeħtieġ li tippreżenta lilha nnifisha, il-persuna għandha tippreżenta lilha nnifisha fil-punt magħżul mhux inqas minn 30 minuta qabel il-ħin tat-tluq ippublikat jew qabel il-ħin meta l-passiġġieri kollha jintalbu jagħmlu check-in.
- (f) L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-amministraturi tal-istazzjonijiet u l-impriżi ferrovjarji fuq it-territorju tagħhom jikkooperaw biex jistabbilixxu u joperaw Punti Uniċi ta' Kuntatt għal persuni b'diżabbiltajiet u persuni b'mobbiltà mnaqqsa. It-termini għat-tħaddim tal-Punti Uniċi ta' Kuntatt għandhom jiġu stabbiliti fir-regoli ta' aċċess imsemmija fl-Artikolu 21(1). Dawk il-Punti Uniċi ta' Kuntatt għandhom ir-responsabbiltà li:
- (i) jaċċettaw talb għal assistenza fl-istazzjonijiet;

- (ii) jikkomunikaw talbiet individwali għall-assistenza lill-amministraturi tal-istazzjonijiet u lill-impriżi ferrovjarji; u
- (iii) jipprovdu l-informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà.

Artikolu 25

*Kumpens fir-rigward tat-tagħmir tal-mobbiltà,
apparat ta' assistenza u klieb ta' assistenza*

1. Meta l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet jikkawżaw it-telf ta', jew dannu għal, tagħmir ta' mobbiltà, inkluż siġġijiet tar-roti, u apparat ta' assistenza, jew it-telf jew il-korriment ta' klieb ta' assistenza użati mill-persuni b'diżabbiltà u mill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, dawn għandhom ikunu responsabbli għal dak it-telf, dannu jew korriment, u għandhom jagħtu kumpens mingħajr dewmien żejjed. Dak il-kumpens għandu jinkludi:
 - (a) l-ispiża biex jinbidel jew jissewwa t-tagħmir tal-mobbiltà jew l-apparat ta' assistenza mitluf jew li tkun saritlu ħsara;
 - (b) l-ispiża għas-sostituzzjoni jew għat-trattament tal-korriment ta' kelb ta' assistenza li nitlef jew li korra; u
 - (c) spejjeż raġonevoli ta' sostituzzjonijiet temporanji għat-tagħmir tal-mobbiltà, apparat ta' assistenza jew klieb ta' assistenza meta tali sostituzzjoni ma tkunx ipprovduta mill-impriża ferrovjarja jew mill-amministratur tal-istazzjon f'konformità mal-paragrafu 2.

2. Fejn japplika l-paragrafu 1, l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet għandhom malajr jagħmlu l-isforzi raġonevoli kollha biex jipprovdu sostituzzjonijiet temporanji meħtieġa immedjatament għat-tagħmir ta' mobbiltà jew l-apparat ta' assistenza. Il-persuna b'diżabbiltà jew il-persuna b'mobbiltà mnaqqsa għandha titħalla żżomm it-tagħmir jew l-apparat ta' sostituzzjoni temporanja sakemm jitħallas il-kumpens imsemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 26

Taħriġ tal-persunal

1. L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet għandhom jiżguraw li l-persunal kollu, inkluż l-impjegati l-ġodda, li fil-qadi ta' dmirijiethom jipprovdu assistenza diretta lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, jirċievu taħriġ relatat mad-diżabbiltà sabiex ikunu jafu kif jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

Dawn għandhom jiprovdu wkoll lill-persunal kollu, li jaħdem fl-istazzjon jew abbord il-ferroviji, li titrattaw direttament mal-pubbliku li jkun qed jivvjaġġa b'taħriġ u korsijiet ta' taħriġ ta' aġġornament regolari biex issir sensibilizzazzjoni dwar il-bżonnijiet tal-persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

2. L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet jistgħu jaċċettaw il-parteċipazzjoni, fit-taħriġ imsemmi fil-paragrafu 1, ta' impjegati b'diżabbiltà, u jistgħu jikkunsidraw il-parteċipazzjoni ta' passiġġieri b'diżabbiltà u passiġġieri b'mobbiltà mnaqqsa, u/jew ta' organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom.

Kapitolu VI

Sikurezza, ilmenti u kwalità tas-servizz

Artikolu 27

Is-sikurezza personali tal-passiġġieri

Bi ftehim mal-awtoritajiet pubbliċi, l-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi tal-infrastruttura u l-amministraturi tal-istazzjonijiet għandhom jieħdu l-miżuri xierqa fl-oqsma rispettivi ta' responsabbiltà u jadattawhom mal-livell tas-sikurezza ddefinit mill-awtoritajiet pubbliċi biex jiżguraw is-sikurezza personali tal-passiġġieri fl-istazzjonijiet tal-ferrovija u fuq il-ferroviji u li jimmaniġġaw ir-riskji. Dawn għandhom jikkooperaw u jagħmlu skambju ta' informazzjoni dwar l-aqwa prattiki dwar il-prevenzjoni ta' atti, li aktarx ixejnu l-livell tas-sikurezza.

Artikolu 28

Ilmenti

1. Kull impriża ferrovjarja u amministratur tal-istazzjon ta' stazzjon li minnhom jgħaddu bħala medja aktar minn 10 000 passiġġier kuljum f'sena għandhom jistabilixxu mekkaniżmu biex jittratta l-ilmenti għad-drittijiet u l-obbligi koperti minn dan ir-Regolament fil-qasam ta' responsabbiltà rispettiv tagħhom. Dawn għandhom jgħarrfu b'mod wiesa' lill-passiġġieri bid-dettalji tal-kuntatti tagħhom u bil-lingwa jew lingwi ta' ħidma tagħhom. Dan il-mekkaniżmu ma għandux japplika għall-finijiet tal-Kapitolu III.
2. Il-passiġġieri jistgħu jressqu lment lil kwalunkwe impriża ferrovjarja jew amministratur tal-istazzjon fir-rigward tal-oqsma tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom permezz tal-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1. Tali ilment għandu jitressaq fi żmien tliet xhur minn meta jseħħ l-inċident li jikkonċerna. Fi żmien xahar minn meta jasal l-ilment, id-destinatarju għandu jew jagħti tweġiba raġunata jew, f'każijiet ġustifikati, jinforma lill-passiġġier li ser jirċievi tweġiba f'inqas minn tliet xhur mid-data minn meta jasal l-ilment. L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet għandhom iżommu d-data meħtieġa għall-valutazzjoni tal-ilmenti għal kemm iddum għaddejja l-proċedura kollha tat-treatment tal-ilment, inkluż il-proċeduri tat-treatment tal-ilmenti msemmija fl-Artikoli 33 u 34, u għandhom jagħmlu dik id-data disponibbli għall-korpi nazzjonali tal-infurzar meta jintalbu jagħmlu hekk.

3. Id-dettalji dwar il-proċedura tat-trattament tal-ilmenti għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqa. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli fuq talba mill-anqas fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih topera l-impriża ferrovjarja.
4. L-impriża ferrovjarja għandha tippubblika fir-rapport msemmi fl-Artikolu 29(2) in-numru u l-kategoriji tal-ilmenti li wasluha u tal-ilmenti trattati, iż-żmien li ħadet it-tweġiba u l-azzjonijiet għal titjib possibbli li ttieħdu.

Artikolu 29

Standards tal-kwalità tas-servizzi

1. L-impriżi ferrovjarji għandhom jistabbilixxu l-istandards ta' kwalità tas-servizzi u jimplementaw sistema ta' ġestjoni ta' kwalità biex tinżamm il-kwalità tas-servizz. L-istandards tal-kwalità tas-servizz għandhom ikopru tal-inqas il-punti elenkati fl-Anness III.
2. L-impriżi ferrovjarji għandhom jissorveljaw il-prestazzjoni tagħhom stess kif riflessa fl-istandards ta' kwalità tas-servizzi. Sat-30 ta' Ġunju 2023, u kull sentejn wara dan, dawn għandhom jipubblikaw rapport dwar il-prestazzjoni tal-kwalità tas-servizzi fuq is-sit web tagħhom. Dawn ir-rapporti għandhom ukoll isiru disponibbli fuq is-sit web tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji.

3. L-amministraturi tal-istazzjonijiet għandhom jistabbilixxu standards ta' kwalità tas-servizz abbażi tal-elementi rilevanti elenkati fl-Anness III. Huma għandhom jissorveljaw il-prestazzjoni tagħhom skont dawk l-istandards u jipprovdu aċċess għall-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom lill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali fuq talba.

Kapitolu VII

Informazzjoni u infurzar

Artikolu 30

Informazzjoni lill-passiġġieri dwar drittijietom

1. Meta jbigħu biljetti għal vjaġġi bil-ferrovija, l-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi tal-istazzjonijiet, il-bejjieġha tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi għandhom jgħarrfu lill-passiġġieri bid-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament. Sabiex ikunu konformi ma' dan ir-rekwiżit tal-informazzjoni, dawn jistgħu jużaw riassunt tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ippreparat mill-Kummissjoni bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea magħmula disponibbli għalihom. Huma għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni, jew stampata jew f'format elettroniku, jew bi kwalunkwe mezz ieħor, inkluż bil-formati aċċessibbli skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/882 u tar-Regolament (UE) Nru 1300/2014. Huma għandhom jispeċifikaw mnejn, fil-każ ta' kanċellazzjoni, konnessjoni mitlufa jew dewmien fit-tul, tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

2. L-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-istazzjonijiet għandhom jgħarrfu lill-passiġġieri b'mod xieraq, inkluż bil-formati aċċessibbli skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/882 u tar-Regolament (UE) Nru 1300/2014, fl-istazzjon, fuq il-ferrovija u fuq is-sit web tagħhom, bid-drittijiet u bl-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, u bid-dettalji tal-kuntatt tal-korp jew korpi maħtura mill-Istati Membri skont l-Artikolu 31.

Artikolu 31

Il-ħatra ta' korpi nazzjonali tal-infurzar

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar korp wieħed jew aktar biex ikunu responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-Regolament. Kull korp għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li d-drittijiet tal-passiġġieri jiġu rrispettati.
2. Fl-organizzazzjoni, id-deċiżjonijiet ta' finanzjament, l-istruttura legali u t-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu, kull korp għandu jkun indipendenti mill-amministraturi tal-infrastruttura, mill-korp tal-imposti, mill-korp tal-allokkazzjoni jew mill-impriża ferrovjarja.
3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-korp jew bil-korpi maħtura skont dan l-Artikolu u bir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom. Il-Kummissjoni u l-korpi maħtura għandhom jippubblikaw dik l-informazzjoni fuq is-siti web tagħhom.

4. L-obbligi ta' infurzar fir-rigward tal-amministraturi tal-istazzjonijiet u l-amministraturi tal-infrastruttura previsti f'dan il-Kapitolu ma għandhomx japplikaw għal Ċipru jew Malta sakemm ma tiġi stabbilita l-ebda sistema ferrovjarja fit-territorji rispettivi tagħhom u fir-rigward tal-impriżi ferrovjarji sakemm l-ebda impriża ferrovjarja ma tingħata liċenzja minn awtorità tal-liċenzji maħtura minn Ċipru jew Malta skont l-Artikolu 2(1).

Artikolu 32

Kompiti tal-infurzar

1. Il-korpi nazzjonali tal-infurzar għandhom jissorveljaw mill-qrib il-konformità ma' dan ir-Regolament, inkluż mar-Regolamenti (UE) Nru 454/2011 u Nru 1300/2014 sa fejn dawk ir-Regolamenti huma imsemmija f'dan ir-Regolament, u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-drittijiet tal-passiġġieri jiġu rrispettati.
2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi tal-istazzjonijiet u l-amministraturi tal-infrastruttura, il-bejjieġha tal-biljetti u l-operaturi tal-vjaġġi għandhom jipprovdu lill-korpi b'dokumenti u informazzjoni rilevanti fuq talba tagħhom mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar minn meta jirċievu t-talba. F'każijiet kumplessi, il-korp nazzjonali tal-infurzar jista' jestendi dan il-perijodu għal massimu ta' tliet xhur minn meta jirċievi t-talba. Fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom, il-korpi tal-infurzar nazzjonali għandhom iqisu l-informazzjoni ppreżentata lilhom mill-korp maħtur skont l-Artikolu 33 biex jittratta l-ilmenti, jekk dan ikun korp differenti. Dawn jistgħu jiddeċiedu wkoll dwar azzjonijiet tal-infurzar abbażi ta' lmenti individwali li jgħaddilhom dak il-korp.

3. Kull sentejn, il-korpi nazzjonali tal-infurzar għandhom jipubblikaw rapporti bl-istatistika dwar l-attivitajiet tagħhom, inkluż dwar il-penali applikati sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja ta' wara. Dawk ir-rapporti għandhom ikunu disponibbli fuq is-sit web tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji.
4. L-impriżi ferrovjarji għandhom jagħtu d-dettalji tal-kuntatt tal-korpi nazzjonali tal-infurzar tal-Istati Membri fejn joperaw.

Artikolu 33

Trattament tal-ilment mill-korpi nazzjonali tal-infurzar u korpi oħra

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-konsumaturi biex ifittxu rimedju alternattiv skont id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, il-passiġġier, wara li jkun ressaq ilment mingħajr suċċess lill-impriża ferrovjarja jew lill-amministratur tal-istazzjon skont l-Artikolu 28, jista' jilmenta mal-korp nazzjonali ta' infurzar jew kwalunkwe korp maħtur skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fi żmien tliet xhur minn meta jirċievi l-informazzjoni tar-rifjut tal-ilment oriġinali. Meta ma tasal l-ebda tweġiba fi żmien tliet xhur minn meta jsir l-ilment oriġinali, il-passiġġier għandu jkollu d-dritt li jilmenta mal-korp nazzjonali ta' infurzar jew kwalunkwe korp maħtur skont il-paragrafu 2. Fejn meħtieġ, dak il-korp għandu jinforma lill-persuna li tilmenta dwar id-dritt tagħha li tagħmel lment lil korpi tas-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim biex jinstab rimedju individwali.

¹ Id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 63).

2. Kwalunkwe passiġġier jista' jilmenta rigward ksur allegat ta' dan ir-Regolament jew mal-korp nazzjonali tal-infurzar, jew ma' kwalunkwe korp ieħor maħtur minn Stat Membru għal dak il-għan.
3. Il-korp nazzjonali tal-infurzar jew kwalunkwe korp ieħor maħtur skont il-paragrafu 2 għandu jikkonferma li rċieva l-ilment fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċevih. Il-proċedura tat-trattament tal-ilment għandha tieħu sa mhux aktar minn tliet xhur mid-data tal-istabbiliment tal-fajl tal-ilment. F'każijiet kumplessi, dak il-korp jista' jestendi dak il-perijodu għal sitt xhur. F'dan il-każ, il-passiġġieri għandhom jiġu infurmati bir-raġunijiet għal din l-estensjoni u biż-żmien mistenni li tingħalaq il-proċedura. Huma biss dawk il-każijiet li jinvolvew proċedimenti legali li jistgħu jieħdu aktar minn sitt xhur. Meta dak il-korp ikun ukoll korp tas-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim skont it-tifsira tad-Direttiva 2013/11/UE, għandhom jieħdu preċedenza l-limiti taż-żmien stabbiliti f'dik id-Direttiva.

Il-proċedura tat-trattament tal-ilmenti għandha tkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa.
4. L-ilmenti tal-passiġġieri dwar inċident li jinvolvew impriża ferrovjarja għandhom jiġu trattati mill-korp nazzjonali tal-infurzar jew kwalunkwe korp maħtur skont il-paragrafu 2 tal-Istat Membru li jkun ta l-liċenzja lil dik l-impriża.

5. Meta lment ikun dwar allegat ksur imwettaq mill-amministraturi tal-istazzjonijiet jew tal-infrastruttura, l-ilment għandu jiġi ttrattat mill-korp nazzjonali tal-infurzar jew kwalunkwe korp maħtur skont il-paragrafu 2 ta' dak tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun seħħ l-inċident.
6. Fil-qafas ta' kooperazzjoni skont l-Artikolu 34, il-korpi nazzjonali tal-infurzar jistgħu jidderogaw mill-paragrafi 4 jew 5 ta' dan l-Artikolu, jew it-tnejn li huma, meta għal raġunijiet ġustifikati, b'mod partikolari dawk relatati ma' lingwa jew post ta' residenza, dan ikun fl-interess tal-passiġġier.

Artikolu 34

Skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni transfruntiera bejn il-korpi nazzjonali tal-infurzar

1. Jekk jinħatru korpi differenti skont l-Artikoli 31 u 33, għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi tar-rappurtar li jiżguraw l-iskambju tal-informazzjoni bejniethom, b'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, biex jgħinu lill-korp nazzjonali tal-infurzar iwettaq ħidmietu ta' superviżjoni u infurzar u biex il-korp tat-trattament tal-ilmenti maħtur skont l-Artikolu 33 ikun jista' jiġbor l-informazzjoni meħtieġa biex jeżamina lmenti individwali

2. Il-korpi nazzjonali tal-infurzar għandhom jaqsmu l-informazzjoni dwar il-prinċipji u l-prattika tal-ħidma u t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom għal għanijiet ta' koordinazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tappoġġahom f'dak il-kompitu.
3. F'każijiet kumplessi bħalma huma dawk li jinvolvu aktar minn ilment wieħed jew għadd ta' operaturi, vjaġġar transfruntier jew inċidenti fit-territorju ta' Stat Membru li ma jkunx dak li jkun ta l-liċenzja lill-impriża, u b'mod partikolari meta ma jkunx ċar liema korp nazzjonali tal-infurzar hu kompetenti, jew meta teħfief jew titħaffef ir-risoluzzjoni tal-ilment, il-korpi nazzjonali tal-infurzar għandhom jikkooperaw bejniethom biex jidentifikaw il-korp "ewlieni" li għandu jservi ta' punt ta' kuntatt uniku għall-passiġġieri. Kull korp nazzjonali tal-infurzar involut għandu jikkoopera biex teħfief ir-risoluzzjoni tal-ilment, inkluż billi tixtered l-informazzjoni, tingħata għajnuna bi traduzzjoni tad-dokumenti u tingħata informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi tal-inċidenti. Il-passiġġieri għandhom jiġu mġarrfa liema korp qed jaġixxi bħala l-korp ewlieni.

Kapitolu VIII

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 35

Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli u l-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kull emenda sussegwenti li taffettwawhom.

2. Fil-qafas tal-kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 34, il-korp nazzjonali tal-infurzar li huwa kompetenti għall-finijiet tal-Artikolu 33(4) jew (5), fuq talba tal-korp nazzjonali tal-infurzar li jkun qed jittratta l-ilment, għandu jinvestiga l-ksur ta' dan ir-Regolament identifikat minn dak il-Korp u, jekk ikun meħtieġ, jimponi penali.

Artikolu 36
Atti delegati

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 37 li jemendaw dan ir-Regolament sabiex:

- (a) jiġi aġġustat l-ammont finanzjarju msemmija fl-Artikolu 15(2) biex jitqiesu t-tibdiliet fl-Indiċi Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur madwar l-UE kollha eskluż il-enerġija u l-ikel mhux proċessat, kif ippubblikat mill-Kummissjoni (Eurostat);
- (b) jiġi modifikat l-Anness I sabiex jitqiesu l-emendi għar-Regoli Uniformi dwar il-Kuntratt tal-Ġarr Internazzjonali tal-Passiġġieri u l-Bagalji bil-Ferrovija (CIV), kif stipulat fl-Appendiċi A tal-Konvenzjoni li ttrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF).

Artikolu 37
Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 36 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 36 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 36 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhmiex se jrinjoġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 38

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 39

Rapport

Sa ...[ħames snin wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u r-risultati ta' dan ir-Regolament .

Ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni li għandha tingħata skont dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu, fejn meħtieġ, ikollu miegħu proposti xierqa.

Artikolu 40

Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 jitħassar b'effett minn ... [24 xhar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Referenza għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehm u bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni mogħtija fl-Anness IV.

Artikolu 41
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn ... [24 xhar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Madankollu, l-Artikolu 6(4) għandu japplika minn ... [48 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

ESTRATT MIR-REGOLI UNIFORMI DWAR IL-KUNTRATT GĦAT-TRASPORT
INTERNAZZJONALI TA' PASSIĠĠIERI U BAGALJI BIL-FERROVIJA (CIV)

Appendiċi A għall-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF)
tat-9 ta' Mejju 1980, kif modifikata bil-Protokoll għall-modifika
tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija tat-3 ta' Ġunju 1999

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dawn ir-Regoli Uniformi, it-terminu

- (a) "trasportatur" tfisser it-trasportatur kuntrattwali li miegħu l-passiġġier ikun ikkonkluda l-kuntratt ta' trasport skont dawn ir-Regoli Uniformi, jew trasportatur suċċessiv li jkun responsabbli abbażi ta' dan il-kuntratt;

- (b) "trasportatur sostitut" tfisser trasportatur, li ma kkonkludiex il-kuntratt ta' trasport mal-passiġġier, iżda li t-trasportatur imsemmi fil-punt a) ikun fdah, bis-sħiħ jew parzjalment, bit-tweqqiq tat-trasport bil-ferrovija;
- (c) "Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport" tfisser il-kondizzjonijiet tat-trasportatur fil-forma ta' kondizzjonijiet ġenerali jew tariffi legalment fis-seħħ f'kull Stat Membru u li saru, bil-konklużjoni tal-kuntratt ta' trasport, parti integrali minnu;
- (d) "vettura" tfisser vettura bil-mutur jew karru li jinġarru fl-okkażjoni tat-trasport tal-passiġġieri.

TITOLU II

KONKLUŻJONI U PRESTAZZJONI

TAL-KUNTRATT TA' TRASPORT

Artikolu 6

Kuntratt ta' trasport

1. Bil-kuntratt ta' trasport, it-trasportatur għandu jidħol għall-impenn li jgħorr il-passiġġier kif ukoll, fejn xieraq, bagalji u vetturi għall-post tad-destinazzjoni u li jikkunsinna l-bagalji u l-vetturi fil-post tad-destinazzjoni.

2. Il-kuntratt ta' trasport irid jiġi kkonfermat b'biljett wieħed jew aktar maħruġ lill-passiġġier. Madankollu, soġġett għall-Artikolu 9, l-assenza, l-irregolarità jew it-telf ta' biljett m'għandux jaffettwa l-eżistenza jew il-validità tal-kuntratt li għandha tibqa' soġġetta għal dawn ir-Regoli Uniformi.
3. Il-biljett għandu jkun evidenza prima facie tal-konklużjoni u l-kontenut tal-kuntratt ta' trasport.

Artikolu 7

Biljett

1. Il-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport għandhom jiddeterminaw il-forma u l-kontenut tal-biljetti kif ukoll il-lingwa u l-karattri li bihom huma għandhom jiġu stampati u magħmulin.
2. Dan li ġej, tal-inqas, irid jiddaħħal fil-biljett:
 - (a) it-trasportatur jew it-trasportaturi;
 - (b) stqarrija li t-trasport huwa soġġett, minkejja kwalunkwe klawnsola għall-kuntrarju, għal dawn ir-Regoli Uniformi; din tista' tkun indikata bl-akronimu CIV;
 - (c) kwalunkwe stqarrija oħra meħtieġa biex tagħti prova tal-konklużjoni u tal-kontenut tal-kuntratt ta' trasport u li tippermetti lill-passiġġier jafferma d-drittijiet li jirriżultaw minn dan il-kuntratt.

3. Il-passiġġier irid jiżgura, x'ħin jirċievi l-biljett, li dan ħareġ skont l-istruzzjonijiet tiegħu.
4. Il-biljett għandu jkun trasferibbli jekk ma jkunx ħareġ f'isem il-passiġġier u jekk il-vjaġġ ma jkunx beda.
5. Il-biljett jista' jiġi stabbilit fil-forma ta' reġistrazzjoni ta' data elettronika, li tista' tiġi ttrasformata f'simboli miktuba leġġibbli. Il-proċedura użata għar-reġistrazzjoni u t-ttrament ta' data għandha tkun ekwivalenti mill-perspettiva funzjonali, b'mod partikolari sa fejn jikkonċerna l-valur evidenzjali tal-biljett irrappreżentat b'dik id-data.

Artikolu 8

Pagament u rimborż tal-ħlas tat-trasport

1. Soġġett għal ftehim kuntrarju bejn il-passiġġier u t-trasportatur, il-ħlas tat-trasport għandu jitħallas minn qabel.
2. Il-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport għandhom jiddeterminaw taħt liema kondizzjonijiet għandu jsir rimborż tal-ħlas tat-trasport.

Artikolu 9

Id-dritt għat-trasport. Esklużjoni mit-trasport

1. Il-passiġġier, mill-bidu tal-vjaġġ tiegħu, irid ikollu fil-pussess tiegħu biljett validu u jippreżentah fl-ispezzjoni tal-biljetti. Il-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport jistgħu jipprevedu:
 - (a) li passiġġier li ma jipproduċix biljett validu għandu jħallas, b'żieda mal-ħlas tat-trasport, ħlas addizzjonali;
 - (b) li passiġġier li jirrifjuta li jħallas x'ħin jintalab il-ħlas tat-trasport jew il-ħlas addizzjonali jista' jiġi mitlub li jtemm il-vjaġġ tiegħu;
 - (c) jekk u taħt liema kondizzjonijiet għandu jsir rimborż tal-ħlas addizzjonali.
2. Il-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport jistgħu jipprevedu li l-passiġġieri li:
 - (a) jippreżentaw periklu għas-sikurezza u l-iffunzjonar tajjeb tal-operazzjonijiet jew għas-sikurezza ta' passiġġieri oħra,
 - (b) joħolqu inkonvenjent lil passiġġieri oħra b'mod intollerabbli,

għandhom jiġu esklużi mit-trasport jew jistgħu jiġu mitluba jtemmu l-vjaġġ tagħhom u li tali persuni m'għandhomx ikunu intitolati għal rimborż tal-ħlas tat-trasport tagħhom jew ta' kwalunkwe ħlas għat-trasport ta' bagalji reġistrati li setgħu ħallsu.

Artikolu 10

Ikkompletar ta' formalitajiet amministrattivi

Il-passiġġier għandu jikkonforma mal-formalitajiet meħtieġa mid-dwana jew awtoritajiet amministrattivi oħra.

Artikolu 11

Kanċellazzjoni u ttardjar tal-ferroviji. Konnessjonijiet mitlufa

It-trasportatur, fejn neċessarju, irid jiċċertifika fuq il-biljett li l-ferrovija ġiet ikkanċellata jew il-konnessjoni ntilfet.

TITOLU III
TRASPORT TA' BAGALJI TAL-IDEJN, ANIMALI,
BAGALJI RREĠISTRATI U VETTURI

Kapitolu I
Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 12

Oġġetti u animali aċċettabbli

1. Il-passiġġier jista' jieħu miegħu oġġetti li jistgħu jiġu mmaniġġati faċilment (bagalji tal-idejn) u wkoll animali haġġin skont il-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport. Barra minn dan, il-passiġġier, jista' jieħu miegħu oġġetti ingombranti skont id-dispożizzjonijiet speċjali, li hemm fil-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport. Oġġetti u animali li x'aktarx idejqu jew joħolqu inkonvenjent lill-passiġġieri jew jikkawżaw ħsara m'għandhomx jiġu permessi bħala bagalja tal-idejn.
2. Il-passiġġier jista' jikkunsinna l-oġġetti u l-animali bħala bagalji rreġistrati skont il-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport.

3. It-trasportatur jista' jippermetti t-trasport ta' vetturi fl-okkażjoni tat-trasport ta' passiġġieri skont dispożizzjonijiet speċjali li hemm fil-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport.
4. It-trasport ta' merkanzija perikoluża bħala bagalja tal-idejn, bagalja rreġistrata kif ukoll ġewwa jew fuq vetturi li, skont dan it-Titolu jinġarru bil-ferrovija, irid jikkonforma mar-Regolament li jikkonċerna t-Trasport ta' Merkanzija Perikoluża bil-Ferrovija (RID).

Artikolu 13

Eżami

1. Fejn ikun hemm raġuni tajba għas-suspett ta' nuqqas ta' osservanza tal-kondizzjonijiet tat-trasport, it-trasportatur għandu jkollu d-dritt li jeżamina jekk l-oġġetti (il-bagalji tal-idejn, il-bagalji rreġistrati, il-vetturi inkluż it-tagħbija tagħhom) u l-annimali ttrasportati jikkonformawx mal-kondizzjonijiet tat-trasport, sakemm il-liġijiet u l-preskrizzjonijiet tal-Istat li fih isir l-eżami ma jipprojbux tali eżami. Il-passiġġier irid ikun mistieden biex jattendi għall-eżami. Jekk ma jidhirx jew ma jkunx jista' jintlaħaq, it-trasportatur għandu jitlob il-preżenza ta' żewġ xhieda indipendenti.
2. Jekk ikun stabbilit li l-kondizzjonijiet tat-trasport ma ġewx irrispettati, it-trasportatur jista' jitlob lill-passiġġier iħallas l-ispejjeż li joriġinaw mill-eżami.

Artikolu 14

Ikkompletar ta' formalitajiet amministrattivi

Il-passiġġier irid jikkonforma mal-formalitajiet meħtieġa mid-dwana jew l-awtoritajiet amministrattivi oħra meta, waqt li jkun qed jiġi ttrasportat, ikollu oġġetti (bagalji tal-idejn, bagalji rreġistrati, vetturi inkluż it-tagħbija tagħhom) jew annimali ttrasportati. Huwa għandu jkun preżenti waqt l-ispezzjoni ta' dawn l-oġġetti ħliet fejn hu previst mod ieħor mil-liġijiet u l-preskrizzjonijiet ta' kull Stat.

Kapitolu II

Bagalji tal-idejn u annimali

Artikolu 15

Superviżjoni

Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-passiġġier li jissorvelja l-bagalja tal-idejn u l-annimali li hu jieħu miegħu.

Kapitolu III

Bagalji rreġistrati

Artikolu 16

Kunsinna ta' bagalji rreġistrati

1. L-obbligazzjonijiet kuntrattwali relatati mat-trasferiment tal-bagalji rreġistrati jridu jiġu stabbiliti b'voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja maħruġ lill-passiġġier.
2. Soġġett għall-Artikolu 22, l-assenza, l-irregolarità jew it-telf tal-voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja m'għandux jaffettwa l-eżistenza jew il-validità tal-ftehimiet li jikkonċernaw it-trasferiment tal-bagalji rreġistrati, li għandhom jibqgħu soġġetti għal dawn ir-Regoli Uniformi.
3. Il-voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja għandu jkun evidenza prima facie tar-reġistrazzjoni tal-bagalja u l-kondizzjonijiet tat-trasport tagħha.
4. Soġġett għal evidenza għall-kuntrarju, għandu jiġi preżunt li meta t-trasportatur għabba l-bagalja rreġistrata din kienet apparentement f'kondizzjoni tajba, u li n-numru u l-massa tal-unitajiet ta' bagalji jikkorrispondu mal-informazzjoni mdaħħla fuq il-voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja.

Artikolu 17

Voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja

1. Il-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport għandhom jiddeterminaw il-forma u l-kontenut tal-voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja kif ukoll il-lingwa u l-karattri li bihom dan jiġu stampat u magħmul. L-Artikolu 7(5) għandu japplika mutatis mutandis.
2. Dan li ġej, tal-inqas, irid jiddaħħal fuq il-voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja:
 - (a) it-trasportatur jew it-trasportaturi;
 - (b) stqarrija li t-trasport huwa soġġett, minkejja kwalunkwe klawnsola għall-kuntrarju, għal dawn ir-Regoli Uniformi; din tista' tkun indikata bl-akronimu CIV;
 - (c) kwalunkwe stqarrija oħra meħtieġa biex tipprova l-obbligi kuntrattwali li jirrigwardaw it-trasferiment tal-bagalji rreġistrati u li tippermetti lill-passiġġier jafferma d-drittijiet li jirriżultaw mill-kuntratt ta' trasport.
3. Il-passiġġier irid jiżgura, meta jirċievi l-voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja, li dan ħareġ skont l-istruzzjonijiet tiegħu.

Artikolu 18
Reġistrazzjoni u trasport

1. Ħlief fejn il-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport jipprovdu mod ieħor, il-bagalji għandhom jiġu rreġistrati biss fuq preżentazzjoni ta' biljett validu tal-inqas sad-destinazzjoni tal-bagalji. F'każi oħra r-reġistrazzjoni tal-bagalji għandha titwettaq skont il-preskrizzjonijiet fis-seħħ fil-post tal-konsenja.
2. Meta l-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport jipprevedu li l-bagalji jistgħu jiġu aċċettati għal trasport mingħajr il-preżentazzjoni ta' biljett, id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli Uniformi li jiddeterminaw id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġier fir-rigward tal-bagalji rreġistrati tiegħu għandhom japplikaw mutatis mutandis għal dak li jikkonsenja l-bagalji rreġistrati.
3. It-trasportatur jista' jibgħat il-bagalji rreġistrati b'ferrovija oħra jew b'mezz ta' trasport ieħor u b'rotta differenti minn dik meħuda mill-passiġġier.

Artikolu 19
Pagament ta' ħlasijiet għat-trasport ta' bagalji rreġistrati

Soġġett għal ftehim kuntrarju bejn il-passiġġier u t-trasportatur, il-ħlas għat-trasport ta' bagalji rreġistrati għandu jkun pagabbli mar-reġistrazzjoni.

Artikolu 20

Immarkar ta' bagalji rreġistrati

Il-passiġġier irid jindika fuq kull unità ta' bagalja rreġistrata f'post viżibbilment ċar, b'mod suffiċjentement reżistenti u leġġibbli:

- (a) l-isem u l-indirizz tiegħu;
- (b) il-post tad-destinazzjoni.

Artikolu 21

Id-dritt li tid-disponi minn bagalji rreġistrati

1. Jekk iċ-ċirkostanzi jippermettu u jekk b'dan ma jinkisrux il-ħtiġiet tad-dwana jew il-ħtiġiet ta' awtoritajiet amministrattivi oħra, il-passiġġier jista' jitlob li l-bagalji jingħataw lura fil-post tal-kunsinna maċ-ċediment tal-voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja u, jekk il-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport jeħtieġu hekk, mal-preżentazzjoni tal-biljett.
2. Il-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport jista' jkun fihom dispożizzjonijiet oħra li jirrigwardaw id-dritt li jintremew bagalji rreġistrati, b'mod partikolari modifiki tal-post tad-destinazzjoni u l-konsegwenzi finanzjarji possibbli li jridu jinġarru mill-passiġġier.

Artikolu 22

Kunsinna

1. Il-bagalji rreġistrati għandhom jiġu kkonsenjati maċ-ċediment tal-voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja u, fejn xieraq, mal-pagament tal-ammonti ta' ħlas mal-kunsinna.

It-trasportatur għandu jkun intitolat, iżda mhux obligat, jeżamina jekk id-detentur tal-voucher hux intitolat jew le li jirċievi kunsinna.
2. Għandha tkun ekwivalenti għall-kunsinna lid-detentur tal-voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja jekk, skont il-preskrizzjonijiet fis-seħħ fil-post tal-kunsinna:
 - (a) il-bagalja ġiet mgħoddija f'idejn l-awtoritajiet tad-dwana jew tal-octroi fil-bini jew l-imħażen tagħhom, meta dawn mhumiex soġġetti għas-superviżjoni tat-trasportatur;
 - (b) annimali ħajjin ġew mgħoddija f'idejn partijiet terzi.
3. Id-detentur tal-voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja jista' jitlob il-kunsinna tal-bagalji fil-post tad-destinazzjoni hekk kif jinqabeż il-ħin miftiehem u, fejn xieraq, il-ħin neċessarju għall-operazzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet tad-dwana jew awtoritajiet oħra.

4. Meta ma jkunx hemm ċediment tal-voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja, it-trasportatur għandu biss ikun obligat jikkunsinna l-bagalja lill-persuna li tipprova d-dritt tagħha għal dan; jekk il-prova offruta tidher insuffiċjenti, it-trasportatur jista' jitlob li tingħata s-sigurtà.
5. Il-bagalja għandha tiġi kkonsenjata fil-post tad-destinazzjoni li għalih ġiet irreġistrata.
6. Id-detentur ta' voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja li l-bagalja tiegħu ma ġietx konsenjata jista' jitlob li jkollu fuq il-voucher il-jum u l-ħin meta talab il-kunsinna skont il-paragrafu 3.
7. Il-persuna intitolata tista' tirrifjuta li taċċetta l-bagalja jekk it-trasportatur ma' jikkonformax mat-talba tiegħu li jwettaq eżami tal-bagalja rreġistrata sabiex tiġi stabbilita l-ħsara allegata.
8. Fil-każijiet l-oħra kollha l-kunsinna tal-bagalja għandha titwettaq skont il-preskrizzjonijiet fis-seħħ fil-post tad-destinazzjoni.

Kapitolu IV

Vetturi

Artikolu 23

Kondizzjonijiet tat-trasport

Id-dispożizzjonijiet speċjali li jirregolaw it-trasport ta' vetturi, li jinsabu fil-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport, għandhom jispeċifikaw b'mod partikolari l-kondizzjonijiet li jirregolaw l-aċċettazzjoni għat-trasport, ir-reġistrazzjoni, it-tagħbija u t-trasport, il-ħatt u l-kunsinna kif ukoll l-obbligi tal-passiġġier.

Artikolu 24

Voucher tat-trasport

1. L-obbligi kuntrattwali relatati mat-trasport ta' vetturi għandhom jiġu stabbiliti b'voucher tat-trasport maħruġ lill-passiġġier. Il-voucher tat-trasport jista' jiġi integrat fil-biljett tal-passiġġier.
2. Il-dispożizzjonijiet speċjali li jirregolaw it-trasport ta' vetturi, li jinsabu fil-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport, għandhom jiddeterminaw il-forma u l-kontenut tal-voucher tat-trasport kif ukoll il-lingwa u l-karattri li bihom dan għandu jiġu stampat u magħmul. L-Artikolu 7(5) għandu japplika mutatis mutandis.

3. Dan li ġej, tal-inqas, irid jiddaħħal fil-voucher tat-trasport:
- (a) it-trasportatur jew it-trasportaturi;
 - (b) stqarrija li t-trasport huwa soġġett, minkejja kwalunkwe klawnsola għall-kuntrarju, għal dawn ir-Regoli Uniformi; din tista' tkun indikata bl-akronimu CIV;
 - (c) kwalunkwe stqarrija oħra meħtieġa biex tipprova l-obbligi kuntrattwali li jirrigwardaw it-trasport ta' vetturi u li tippermetti lill-passiġġier jafferma d-drittijiet li jirriżultaw mill-kuntratt ta' trasport.
4. Il-passiġġier irid jiżgura, x'ħin jirċievi l-voucher tat-trasport, li dan ħareġ skont l-istruzzjonijiet tiegħu.

Artikolu 25

Liġi applikabbli

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III relatati mat-trasport ta' bagalji għandhom japplikaw għall-vetturi.

TITOLU IV

RESPONSABBILTÀ TAT-TRASPORTATUR

Kapitolu I

Responsabbiltà f'każ ta' mewt jew ta' korriment personali ta' passiġġieri

Artikolu 26

Bażi tar-responsabbiltà

1. It-trasportatur għandu jkun responsabbli għat-telf jew il-ħsara li tirriżulta minn mewt, korrimenti personali, jew ħsara fiżika jew mentali oħra lill-passiġġier, ikkawżata minn inċident li joriġina mill-operat tal-linja tal-ferrovija u li jseħħ waqt li l-passiġġier ikun għewwa, dieħel jew nieżel minn vetturi tal-linja tal-ferrovija, tkun xi tkun l-infrastruttura tal-linja tal-ferrovija użata.
2. It-trasportatur għandu jinħeles minn din ir-responsabbiltà
 - (a) jekk l-inċident ġie kkawżat minn ċirkostanzi mhux konnessi mal-operat tal-linja tal-ferrovija u li t-trasportatur, minkejja li ħa l-kura meħtieġa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ma setax jevita u li ma setax jipprevjeni l-konsegwenzi tagħhom;

- (b) sal-punt li l-inċident huwa tort tal-passiġġier;
 - (c) jekk l-aċċident huwa dovut għall-imġiba ta' parti terza li t-trasportatur, minkejja li ħa l-kura meħtieġa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ma setax jevita u li ma setax jipprevjeni l-konsegwenzi tagħhom; impriża oħra li tuża l-istess infrastruttura tal-linja tal-ferrovija ma tistax titqies bħala parti terza; id-dritt għar-rikors m'għandux jiġi affettwat.
3. Jekk l-inċident huwa dovut għall-imġiba ta' parti terza u jekk, minkejja dan, it-trasportatur mhux meħlus kompletament mir-responsabbiltà tiegħu skont il-paragrafu 2, ittra c), huwa għandu jkun responsabbli b'mod sħiħ sal-limiti stabbiliti f'dawn ir-Regoli Uniformi iżda mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt ta' rikors li t-trasportatur jista' jkollu kontra l-parti terza.
 4. Dawn ir-Regoli Uniformi m'għandhom jaffettwaw l-ebda responsabbiltà li tista' taqa' fuq it-trasportatur f'każijiet mhux previsti fil-paragrafu 1.
 5. Jekk it-trasport irregolat minn kuntratt ta' trasport wieħed jitwettaq minn trasportaturi suċċessivi, it-trasportatur marbut skont il-kuntratt ta' trasport li jipprovdi s-servizz ta' trasport li fil-kors tiegħu seħħ l-inċident, għandu jkun responsabbli f'każ ta' mewt jew ta' korriment personali ta' passiġġieri. Meta dan is-servizz ma jkunx ġie pprovdut mit-trasportatur, iżda minn trasportatur sostitut, iż-żewġ trasportaturi għandu jkollhom obligazzjoni in solidum skont dawn ir-Regoli Uniformi.

Artikolu 27
Ħsarat f'każ ta' mewt

1. F'każ ta' mewt tal-passiġġier il-ħsarat għandhom jinkludu:
 - (a) kwalunkwe spejjeż meħtieġa wara l-mewt, b'mod partikolari dawk tat-trasport tal-ġisem u l-ispejjeż tal-funeral;
 - (b) jekk il-mewt ma seħħitx mill-ewwel, il-ħsarat previsti fl-Artikolu 28.

2. Jekk, mal-mewt tal-passiġġier, il-persuni li kellu, jew li kien ser ikollu, dmir legali li jmantni jiġu mċaħħda mill-appoġġ tagħhom, tali persuni għandhom ukoll jiġu kkompensati għal dak it-telf. Id-drittijiet ta' azzjoni għal ħsarat ta' persuni li l-passiġġier kien qed imantni mingħajr ma kien marbut bil-liġi li jagħmel dan, għandhom jiġu rregolati bil-liġi nazzjonali.

Artikolu 28

Ħsarat f'każ ta' korriment personali

F'każ ta' korriment personali jew kwalunkwe ħsara fiżika jew mentali oħra lill-passiġġier, il-ħsarat għandhom jinkludu:

- (a) kwalunkwe spejjeż meħtieġa, b'mod partikolari dawk tat-trattament u tat-trasport;
- (b) kumpens għal telf finanzjarju, dovut għal inkapaċità totali jew parzjali ta' xogħol, jew għal ħtiġijiet miżjudi.

Artikolu 29

Kumpens għal ħsara oħra tal-ġisem

Il-liġi nazzjonali għandha tiddetermina jekk u sa liema limitu għandu t-trasportatur iħallas id-danni għal dannu tal-ġisem barra minn dik li hemm dispożizzjoni għaliha fl-Artikoli 27 u 28.

Artikolu 30

Forma u ammont ta' ħsarat f'każ ta' mewt jew ta' korriment personali

1. Il-ħsarat taħt l-Artikolu 27(2) u l-Artikolu 28(b) għandhom jingħataw fil-forma ta' somma f'daqqa. Madankollu, jekk il-liġi nazzjonali tippermetti pagament ta' annwalità, id-danni għandhom jingħataw f'dik il-forma jekk jiġi mitlub hekk mill-passiġġier korrot jew mill-persuni intitolati msemmijin fl-Artikolu 27(2) .
2. L-ammont ta' ħsarat li jridu jingħataw skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu determinati skont il-liġi nazzjonali. Madankollu, għall-iskopijiet ta' dawn ir-Regoli Uniformi, il-limitu superjuri għal kull passiġġier għandu jiġi stabbilit għal 175 000 unità ta' kont bħala somma f'daqqa jew bħala annwalità ta' kull sena li tikkorrispondi għal dik is-somma, fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi limitu superjuri ta' inqas minn dak l-ammont.

Artikolu 31

Mezzi oħra ta' trasport

1. Soġġett għall-paragrafu 2, id-dispożizzjonijiet relatati mar-responsabbiltà tat-trasportatur f'każ ta' mewt jew ta' korriment personali ta' passiġġieri m'għandhomx japplikaw għal telf jew ħsarat li joriġinaw fil-kors tat-trasport li, skont il-kuntratt ta' trasport, ma kienx trasport bil-ferrovija.

2. Madankollu, fejn il-vetturi tal-linji tal-ferrovija jinġarru bil-vapur, id-dispożizzjonijiet relatati mar-responsabbiltà f'każ ta' mewt jew ta' korriment personali ta' passiġġieri, il-passiġġieri għandhom japplikaw għat-telf jew il-ħsara msemmija fl-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 33(1), ikkawżata b'inċident li jirriżulta mill-operat tal-linja tal-ferrovija u li jseħħ waqt li l-passiġġier ikun ġewwa, dieħel jew niezlel mill-imsemmija vetturi.
3. Meta, minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, l-operat tal-linja tal-ferrovija jiġi temporanjament sospiż u l-passiġġieri jinġarru minn mezz ieħor ta' trasport, it-trasportatur għandu jkun responsabbli skont dawn ir-Regoli Uniformi.

Kapitolu II

Responsabbiltà f'każ ta' nuqqas ta' żamma mal-iskeda tal-ħin

Artikolu 32

Responsabbiltà f'każ ta' kanċellazzjoni, ittardjar tal-ferroviji jew konnessjonijiet mitlufa

1. It-trasportatur għandu jkun responsabbli mal-passiġġier għal telf jew ħsara li tirriżulta mill-fatt li, minħabba kanċellazzjoni, ittardjar ta' ferrovija jew konnessjoni mitlufa, il-vjaġġ tiegħu ma jistax jitkompla fl-istess jum, jew li kontinwazzjoni tal-vjaġġ fl-istess jum ma tistax tintalab b'mod raġonevoli minħabba ċirkostanzi speċifiċi. Il-ħsarat għandhom jinkludu l-ispejjeż raġonevoli ta' akkomodazzjoni kif ukoll l-ispejjeż raġonevoli li jkun hemm bżonn biex jiġu nnotifikati l-persuni li qed jistennew lill-passiġġier.

2. It-trasportatur għandu jiġi meħlus minn din ir-responsabbiltà, meta l-kanċellazzjoni, l-ittardjar jew il-konnessjoni mitlufa tkun attribwibbli għal waħda minn dawn il-kawżi li ġejjin:
- (a) ċirkostanzi mhux konnessi mal-operat tal-linja tal-ferrovija li t-trasportatur, minkejja li ħa l-kura meħtieġa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ma setax jevita u li ma setax jipprevjeni l-konsegwenzi tagħhom;
 - (b) tort min-naħa tal-passiġġier; jew
 - (c) l-imġiba ta' parti terza li t-trasportatur, minkejja li ħa l-kura meħtieġa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ma setax jevita u li ma setax jipprevjeni l-konsegwenzi tagħhom; imprima oħra li tuża l-istess infrastruttura tal-linja tal-ferrovija ma tistax titqies bħala parti terza; id-dritt għar-rikors m'għandux jiġi affettwat.
3. Il-liġi nazzjonali għandha tiddetermina jekk u sa liema livell għandu t-trasportatur iħallas il-ħsarat għal ħsara barra minn dik prevista fil-paragrafu 1. Din id-dispożizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 44.

Kapitolu III
Responsabbiltà fir-rigward ta' bagalji tal-idejn, annimali,
bagalji rreġistrati u vetturi

TAQSIMA 1
BAGALJI TAL-IDEJN U ANNIMALI

Artikolu 33
Responsabbiltà

1. F'każ ta' mewt jew ta' korriment personali ta' passiġġieri, it-trasportatur għandu jkun responsabbli ukoll għat-telf jew ħsara li tirriżulta mit-telf totali jew parzjali ta', jew ħsara lill-oġġetti li l-passiġġier kellu fuqu jew miegħu bħala bagalja tal-idejn; dan għandu japplika wkoll għall-annimali li l-passiġġier kien ġab miegħu. L-Artikolu 26 għandu japplika mutatis mutandis.

2. F'rigward ieħor, it-trasportatur m'għandux ikun responsabbli għat-telf totali jew parzjali ta', jew ħsara lill-oġġetti, bagalji tal-idejn jew animali li s-superviżjoni tagħhom hija r-responsabbiltà tal-passiġġier skont l-Artikolu 15, sakemm dan it-telf jew ħsara ma jkunx ikkawżat bil-ħtija tat-trasportatur. L-Artikoli l-oħra tat-Titolu IV, għajr l-Artikolu 51, u t- Titolu VI m'għandhomx japplikaw f'dan il-każ.

Artikolu 34

Limitu ta' ħsarat f'każ ta' telf jew ħsara lill-oġġetti

Meta t-trasportatur hu responsabbli skont l-Artikolu 33(1), huwa għandu jħallas kumpens sa limitu ta' 1 400 unità ta' kont lil kull passiġġier.

Artikolu 35

Esklużjoni tar-responsabbiltà

It-trasportatur m'għandux ikun responsabbli mal-passiġġier għal telf jew ħsara li toriġina mill-fatt li l-passiġġier ma jikkonformax mal-formalitajiet meħtieġa mill-awtoritajiet tad-dwana jew awtoritajiet amministrattivi oħra.

TAQSIMA 2

BAGALJI RREĠISTRATI

Artikolu 36

Bażi tar-responsabbiltà

1. It-trasportatur għandu jkun responsabbli għat-telf jew ħsara li tirriżulta minn telf totali jew parzjali, jew ħsara lill-bagalja rreġistrata bejn il-ħin li t-trasportatur ħadha f'idejh u l-ħin tal-kunsinna kif ukoll mill-ittardjar tal-kunsinna.
2. It-trasportatur għandu jiġi meħlus minn din ir-responsabbiltà sal-punt fejn it-telf, il-ħsara jew l-ittardjar fil-kunsinna ġie ikkawżat b'tort tal-passiġġier, b'ordni mogħtija mill-passiġġier barra milli riżultat ta' tort tat-trasportatur, b'difett inerenti fil-bagalja rreġistrata jew b'ċirkostanzi li t-trasportatur ma setax jevita u li ma setax jipprevjeni l-konsegwenzi tagħhom.
3. It-trasportatur għandu jiġi meħlus minn din ir-responsabbiltà sal-punt li t-telf jew ħsara joriġina mir-riskji speċjali inerenti f'waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin:
 - (a) l-assenza jew inadegwatezza tal-ippakkjar;
 - (b) in-natura speċjali tal-bagalja;

(c) il-kunsinna bħala bagalja ta' oġġetti mhux aċċettabbli għat-trasport.

Artikolu 37

Dmir tal-prova

1. Id-dmir li jiġi pprovat li t-telf, il-ħsara jew l-ittardjar fil-kunsinna kien tort ta' waħda mill-kawżi speċifikati fl-Artikoli 36(2) għandu jkun għat-trasportatur.
2. Meta t-trasportatur jistabbilixxi li, wara li kkunsidra ċ-ċirkostanzi ta' każ partikolari, it-telf jew il-ħsara setgħu oriġinaw minn riskju speċjali wieħed jew aktar imsemmija fl-Artikolu 36(3), għandu jkun preżunt li minn hemm orġinat. Il-persuna intitolata għandha, madankollu, jkollha d-dritt li tipprova li t-telf jew il-ħsara ma kienx attribwibbli la fis-sħiħ u lanqas f'parti għal wieħed minn dawk ir-riskji.

Artikolu 38

Trasportaturi suċċessivi

Jekk trasport irregolat b'kuntratt wieħed jitwettaq minn trasportaturi diversi suċċessivi, kull trasportatur bl-att proprju li jieħu f'idejh il-bagalja bil-voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja jew il-vettura bil-voucher ta' trasport, għandu jsir parti għall-kuntratt ta' trasport fir-rigward tat-tmexxija tal-bagalja jew tat-trasport tal-vetturi, skont it-termini tal-voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja jew tal-voucher tat-trasport u għandu jassumi l-obbligi li joriġinaw minn hemm. F'tali każ kull trasportatur għandu jkun responsabbli għat-trasport matul ir-rotta sħiħa sal-kunsinna.

Artikolu 39

Trasportatur sostitut

1. Fejn it-trasportatur ħalla t-twettiq ta' trasport, fis-sħiħ jew f'parti, f'idejn trasportatur sostitut, kemm jekk skont id-dritt taħt il-kuntratt ta' trasport li jagħmel dan, jew le, it-trasportatur għandu madankollu jibqa' responsabbli fir-rigward tat-trasport sħiħ.
2. Id-dispożizzjonijiet kollha ta' dawn ir-Regoli Uniformi li jirregolaw ir-responsabbiltà tat-trasportatur għandhom japplikaw ukoll għar-responsabbiltà tat-trasportatur sostitut għat-trasport imwettaq minnu. L-Artikoli 48 u 52 għandhom japplikaw jekk titressaq azzjoni kontra l-impjegati jew kwalunkwe persuna oħra li t-trasportatur sostitut jagħmel użu mis-servizzi tagħha għat-twettiq tat-trasport.

3. Kwalunkwe ftehim speċjali li taħtu t-trasportatur jassumi obbligi mhux imposti minn dawn ir-Regoli Uniformi jew jirrinunzja drittijiet mogħtija minn dawn ir-Regoli Uniformi m'għandu jkollu l-ebda effett fir-rigward tat-trasportatur sostitut li ma jkunx aċċettah espliċitament u bil-miktub. Kemm jekk it-trasportatur sostitut ikun aċċettah u kemm jekk le, it-trasportatur għandu xorta jibqa' marbut mill-obbligi jew ir-rinunzji li jirriżultaw minn tali ftehim speċjali.
4. Meta u sa fejn it-trasportatur u t-trasportatur sostitut ikunu t-tnejn responsabbli, ir-responsabbiltà tagħhom għandha tkun in solidum.
5. L-ammont aggregat tal-kumpens pagabbli mit-trasportatur, it-trasportatur sostitut u l-impjegati tagħhom u persuni oħra li jkunu jużaw is-servizzi tagħhom għat-twettiq tat-trasport m'għandux jaqbeż il-limiti previsti f'dawn ir-Regoli Uniformi.
6. Dan l-Artikolu m'għandux jippreġudika d-drittijiet ta' rikors li jistgħu jeżistu bejn it-trasportatur u t-trasportatur sostitut.

Artikolu 40

Preżunzjoni ta' telf

1. Il-persuna intitolata tista', mingħajr ma tkun mitluba tipprovdi provi ulterjuri, tikkunsidra unità ta' bagalja bħala mitlufa meta din ma tkunx ġiet ikkunsinnat lilu jew impoġġija għad-dispożizzjoni tiegħu fi żmien erbatax-il jum wara talba għall-kunsinna tkun saret skont l-Artikolu 22(3).

2. Jekk unità ta' bagalja li tkun meqjusa li ntilfet tiġi rkuprata fi żmien sena wara t-talba għall-kunsinna, it-trasportatur irid jinnotifika lill-persuna intitolata jekk l-indirizz tiegħu jkun magħruf jew ikun jista' jiġi aċċertat.
3. Fi żmien tletin jum wara l-irċevuta tan-notifika msemmija fil-paragrafu 2, il-persuna intitolata tista' titlob li l-unità tal-bagalja tkun ikkunsinnata lilha. F'dak il-każ hija trid tħallas l-ispejjeż relatati mat-trasport tal-oġġett mill-post tal-kunsinna għall-post fejn il-kunsinna tiġi mwettqa u tirrimborża l-kumpens irċevut minbarra, skont il-każ, kwalunkwe spiża inkluża fih. Madankollu hija għandha żżomm id-drittijiet tagħha li titlob il-kumpens għal dewmien fit-twassil previst fl-Artikolu 43.
4. Jekk l-unità tal-bagalja rkuprata ma tkunx miġbura fi żmien il-perijodu stipulat fil-paragrafu 3 jew jekk din ma tkunx irkuprata aktar minn sena wara t-talba għall-kunsinna, it-trasportatur għandu jeħles minnha skont il-liġijiet u l-preskrizzjonijiet fis-seħħ fil-post fejn l-unità tal-bagalja tkun qiegħda.

Artikolu 41
Kumpens għal telf

1. F'każ ta' telf totali jew parzjali ta' bagalja reġistrata, it-trasportatur irid iħallas, bl-esklużjoni tal-ħsarat l-oħrajn kollha:
 - (a) jekk l-ammont tat-telf jew ħsara mġarrba ikun ippruvat, kumpens ta' daqs dak l-ammont imma mhux aktar minn 80 unità ta' kont għal kull kilogramm ta' massa grossa nieqsa jew 1 200 unità ta' kont għal kull unità ta' bagalja;
 - (b) jekk l-ammont tat-telf jew ħsara mġarrba ma jkunx stabbilit, ħsarat ta' likwidazzjoni ta' 20 unità ta' kont għal kull kilogramm ta' massa grossa nieqsa jew 300 unità ta' kont għal kull unità ta' bagalja.

Il-metodu ta' kumpens, għal kull kilogramm nieqes jew għal kull unità ta' bagalja, għandu jiġi ddeterminat mill-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport.

2. Barra minn hekk it-trasportatur irid jirrimborża l-ispiża għat-trasport tal-bagalja u ammonti oħrajn imħallsa fir-rigward tat-trasport tal-oġġett mitluf kif ukoll id-dazji tad-dwana u tas-sisa li jkunu diġà tħallsu.

Artikolu 42
Kumpens għal ħsara

1. F'każ ta' ħsara fuq bagalja reġistrata, it-trasportatur irid iħallas kumpens ekwivalenti għat-telf fil-valur tal-bagalja, bl-esklużjoni tal-ħsarat l-oħra kollha.
2. Il-kumpens m'għandux ikun ta' aktar minn:
 - (a) jekk il-bagalja kollha naqsilha l-valur minħabba ħsara, l-ammont li kien ikun pagabbli f'każ ta' telf totali;
 - (b) jekk parti biss tal-bagalja naqsilha l-valur minħabba ħsara, l-ammont li kien ikun pagabbli kieku dik il-parti ntilfet.

Artikolu 43

Kumpens għal dewmien tal-kunsinna

1. F'każ ta' dewmien fit-twassil ta' bagalja rreġistrata, it-trasportatur irid iħallas għal kull perijodu sħiħ ta' 24 siegħa wara li jkun intalab it-twassil , iżda soġġett għal massimu ta' 14-il jum:
 - (a) jekk il-persuna intitolata jkollha provi li sofriet telf jew ħsara b'dan, kumpens daqs l-ammont tat-telf jew ħsara, sa mhux aktar minn 0,80 unità ta' kont għal kull kilogramm ta' massa grossa tal-bagalja jew 14-il unità ta' kont għal kull unità ta' bagalja, kunsinnati tard;
 - (b) jekk il-persuna intitolata ma jkollhiex provi li ġarrbet telf jew ħsara b'dan, ħsarat ta' likwidazzjoni ta' 0,14-il unità ta' kont għal kull kilogramm ta' massa grossa tal-bagalja jew 2,80 unità ta' kont għal kull unità ta' bagalja, kunsinnati tard.

Il-metodi ta' kumpens, skont kull kilogramm nieqes jew skont l-unità ta' bagalja, għandu jkun determinat mill-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Trasport.

2. F'każ ta' telf totali tal-bagalja, il-kumpens previst fil-paragrafu 1 m'għandux ikun pagabbli flimkien ma' dak previst fl-Artikolu 41.

3. F'każ ta' telf ta' parti tal-bagalja, il-kumpens previst fil-paragrafu 1 għandu jkun pagabbli fir-rigward ta' dik il-parti tal-bagalja li ma tkunx intilfet.
4. F'każ ta' ħsara tal-bagalja li ma tirriżultax minn dewmien fil-kunsinna, il-kumpens previst fil-paragrafu 1 għandu, fejn xieraq, ikun pagabbli flimkien ma' dak previst fl-Artikolu 42.
5. It-total ta' kumpens previst fil-paragrafu 1 flimkien ma' dak pagabbli taħt l-Artikoli 41 u 42 m'għandu fl-ebda każ jaqbeż il-kumpens li kien ikun pagabbli f'każ ta' telf totali tal-bagalja.

TAQSIMA 3

VETTURI

Artikolu 44

Kumpens għal dewmien

1. F'każ ta' dewmien fit-tagħbija għal raġuni attribwita lit-trasportatur jew dewmien fil-kunsinna ta' vettura, u jekk il-persuna intitolata jkollha provi li ġarrbet telf jew ħsara b'dan, it-trasportatur irid iħallas kumpens mhux aktar mill-ammont tal-ispiża tat-trasport.

2. Jekk, f'każ ta' dewmien tat-tagħbija għal raġuni attribwita għat-trasportatur, il-persuna intitolata tagħżel li ma tipproċedix bil-kuntratt ta' trasport, l-ispiża tat-trasport għandha tkun rimborżata lilha. Barra minn hekk il-persuna intitolata tista', jekk ikollha provi li ġarrbet telf jew ħsara bħala riżultat tad-dewmien, titlob kumpens ta' mhux aktar mill-ispiża tat-trasport.

Artikolu 45

Kumpens għal telf

F'każ ta' telf totali jew parzjali ta' vettura l-kumpens pagabbli lill-persuna intitolata għat-telf jew il-ħsara ppruvati għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-valur tas-soltu tal-vettura. Dan m'għandux jaqbeż it-8 000 unità ta' kont. Trejler mgħobbi jew mhux mgħobbi għandu jkun ikkunsidrat bħala vettura separata.

Artikolu 46

Responsabbiltà fir-rigward ta' oġġetti oħra

1. Fir-rigward ta' oġġetti li jitħallew fil-vettura jew jitpoġġew f'kaxxi (eż. kaxxi tal-bagalji jew tal-iski) marbutin mal-vettura, it-trasportatur għandu jkun responsabbli biss għal telf jew ħsara kkawżata tort tiegħu. Il-kumpens totali pagabbli m'għandux jaqbeż l-400 unità ta' kont.

2. Sa fejn jirrigwarda oġġetti stivati fuq barra tal-vettura, inkluż il-kaxx imsemmija fil-paragrafu 1, it-trasportatur għandu jkun responsabbli biss fir-rigward ta' oġġetti ppustjati fuq barra tal-vettura jekk jiġi ppruvat li t-telf jew ħsara tirriżulta minn azzjoni jew ommissjoni, li t-trasportatur ikkommetta b'intenzjoni biex jikkawża tali telf jew ħsara jew bi traskuraġni u kien jaf li tali telf jew ħsara probabbli jirriżultaw.

Artikolu 47

Liġi applikabbli

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima, id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 2 relatati mar-responsabbiltà għall-bagalji għandhom japplikaw għall-vetturi.

Kapitolu IV

Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 48

Telf ta' dritt li jiġu invokati l-limiti tar-responsabbiltà

Il-limiti tar-responsabbiltà previsti f'dawn ir-Regoli Uniformi kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jillimitaw il-kumpens għal ammont fiss, m'għandhomx japplikaw jekk jiġi ppruvat li t-telf jew il-ħsara jirriżultaw minn att jew ommissjoni, li t-trasportatur ikun ikkommetta b'intenzjoni li jikkawża tali telf jew ħsara, jew bi traskuraġni u bl-għarfien li tali telf jew ħsara probabbli jirriżultaw.

Artikolu 49

Konverżjoni u interess

1. Meta l-kalkolu tal-kumpens jeħtieġ il-konverżjoni ta' somom espressi frata barranija, il-konverżjoni għandha tkun bir-rata tal-kambju applikabbli fil-jum u l-post tal-ħlas tal-kumpens.

2. Il-persuna intitolata tista' titlob interessi fuq il-kumpens, ikkalkolat fuq ħamsa fil-mija kull sena, mill-jum tal-pretensjoni previst fl-Artikolu 55 jew, jekk ebda pretensjoni bħal din ma tkun saret, mill-jum li fih il-proċeduri legali jkunu ġew istitwiti.
3. Madankollu, fil-każ ta' kumpens pagabbli skont l-Artikoli 27 u 28, l-interessi għandhom jingħaddu biss mill-jum li fih l-avvenimenti relatati mal-istima tal-ammont ta' kumpens ikunu seħħu, jekk dak il-jum ikun aktar tard minn dak tal-pretensjoni jew mill-jum li fih il-proċedimenti ġuridiċi jkunu ġew istitwiti.
4. Fil-każ ta' bagalji, l-interessi għandhom ikunu pagabbli biss jekk il-kumpens jaqbeż 16-il unità ta' kont għal kull voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalji.
5. Fil-każ ta' bagalji, jekk il-persuna intitolata ma tissottomettix lit-trasportatur, fi żmien raġonevoli mogħti lilha, id-dokumenti ta' appoġġ meħtieġa biex l-ammont tal-pretensjoni jiġi stabbilit finalment, l-ebda interess m'għandu jingħadd bejn l-għeluq taż-żmien mogħti u s-sottomissjoni reali ta' tali dokumenti.

Artikolu 50

Responsabbiltà f'każ ta' inċidenti nukleari

It-trasportatur għandu jinħeles mir-responsabbiltà skont dawn ir-Regoli Uniformi għal telf jew ħsara kkawżati minn inċident nukleari meta l-operatur tal-istallazzjoni nukleari jew persuna oħra li tissostitwih ikunu responsabbli għat-telf jew ħsara skont il-liġijiet u l-preskrizzjonijiet ta' Stat li jirregola r-responsabbiltà fil-qasam tal-enerġija nukleari.

Artikolu 51

Persuni li għalihom it-trasportatur huwa responsabbli

It-trasportatur għandu jkun responsabbli għall-impjegati tiegħu u persuni oħrajn li jużaw is-servizzi tagħhom għat-twettiq tat-trasport, meta dawn l-impjegati u l-persuni oħrajn ikunu qed jaġixxu fl-ambitu tal-funzjonijiet tagħhom. L-amministraturi tal-infrastruttura tal-ferrovija li biha jitwettaq it-trasport għandhom ikunu kkunsidrati bħala persuni li t-trasportatur jagħmel użu mis-servizzi tagħhom għat-twettiq tat-trasport.

Artikolu 52
Azzjonijiet oħrajn

1. Fil-każijiet kollha fejn dawn ir-Regoli Uniformi għandhom japplikaw, kwalunkwe azzjoni fir-rigward ta' responsabbiltà, għal tkun xi tkun ir-raġuni, jistgħu jitressqu kontra t-trasportatur biss soġġett għall-kondizzjonijiet u l-limitazzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-Regoli Uniformi.
2. L-istess għandu japplika għal kwalunkwe azzjoni mressqa kontra l-impjegati u persuni oħrajn li t-trasportatur huwa responsabbli għalihom skont l-Artikolu 51.

TITOLU V
RESPONSABBILTÀ TAL-PASSIĠĠIER

Artikolu 53
Prinċipji speċjali ta' responsabbiltà

Il-passiġġier għandu jkun responsabbli għat-trasportatur għal kwalunkwe telf jew ħsara:

- (a) li tirriżulta minn nuqqas li jaqdi l-obbligi tiegħu skont
 1. l-Artikoli 10, 14 u 20,

2. id-dispożizzjonijiet speċjali għat-trasport ta' vetturi, li jinsabu fil-Kondizzjonijiet Ġenerali tat-Transport, jew
3. ir-Regolament dwar it-Transport Internazzjonali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Ferrovija (RID), jew

(b) ikkawżati minn oġġetti u animali li hu jgħib miegħu,

sakemm hu ma jagħtix provi li t-telf jew ħsara kienu kkawżati minn ċirkostanzi li hu ma setax jevita u li l-konsegwenzi tagħhom ma setax jipprevjeni, minkejja l-fatt li hu eżerċita d-diliġenza meħtieġa ta' passiġġier kuxjenzjuż. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex taffettwa r-responsabbiltà tat-trasportatur skont l-Artikoli 22 u 33(1).

TITOLU VI

DIKJARAZZJONI TAD-DRITTIJET

Artikolu 54

Aċċertazzjoni ta' telf jew ħsara parzjali

1. Meta telf parzjali, jew ħsara ta', oġġett trasportat fil-karigu tat-trasportatur (bagalji, vetturi) jiġi skopert jew meqjus mit-trasportatur jew allegat mill-persuna intitolata, it-trasportatur irid, mingħajr dewmien, u jekk possibbli fil-preżenza tal-persuna intitolata, jikteb rapport fejn jiddikjara, skont in-natura tat-telf jew ħsara, il-kondizzjoni tal-artikolu u, sa fejn possibbli, il-qies tat-telf jew ħsara, il-kaġun u ż-żmien ta' meta seħħet.
2. Kopja tar-rapport irid ikun provdut mingħajr ħlas lill-persuna intitolata.
3. Jekk il-persuna intitolata ma taċċettax ir-riżultat fir-rapport, hi tista' titlob li l-kondizzjoni tal-bagalja jew il-vettura u l-kawża u l-ammont tat-telf jew ħsara jkunu aċċertati minn espert imqabbad mill-partijiet tal-kuntratt ta' trasport jew minn qorti jew tribunal. Il-proċedura segwita għandha tkun irregolata mil-liġijiet u l-preskrizzjonijiet tal-Istat li fih tali aċċertazzjoni sseħħ.

Artikolu 55
Pretensjonijiet

1. Pretensjonijiet relatati mar-responsabbiltà tat-trasportatur f'każ ta' mewt jew ta' korriment personali ta' passiġġieri jridu jiġu indirizzati bil-miktub lit-trasportatur li kontrih tista' titressaq azzjoni. Fil-każ ta' trasport irregolat minn kuntratt wieħed u mwettaq minn trasportaturi suċċessivi l-pretensjonijiet jistgħu jiġu indirizzati wkoll lill-ewwel jew l-aħħar trasportatur kif ukoll lit-trasportatur li jkollu l-post prinċipali tan-negozju jew il-fergħa jew l-aġenzija tiegħu li kkonkluda l-kuntratt ta' trasport fl-Istat fejn il-passiġġier ikollu d-domiċilju jew ir-residenza abitwali tiegħu.
2. Pretensjonijiet oħrajn relatati mal-kuntratt ta' trasport iridu jkunu indirizzati bil-miktub lit-trasportatur speċifikat fl-Artikolu 56(2) u (3).
3. Id-dokumenti li l-persuna intitolata taħseb li huwa xieraq li tissottomettihom mal-pretensjoni għandhom ikunu ppreżentati fil-forma oriġinali jew kopji tagħhom, fejn xieraq, il-kopji debitament iċċertifikati jekk it-trasportatur ikun jeħtieġ hekk. Mal-ftehim tal-pretensjoni, it-trasportatur jista' jitlob iċ-ċediment tal-biljett, il-voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalja u l-voucher tat-trasport.

Artikolu 56

Trasportaturi li tista' titressaq azzjoni kontrihom

1. Azzjoni bbażata fuq ir-responsabbiltà tat-trasportatur f'każ ta' mewt jew ta' korriment personali ta' passiġġieri jistgħu jitressqu biss kontra t-trasportatur li huwa responsabbli skont l-Artikolu 26(5).
2. Soġġett għall-paragrafu 4 azzjonijiet oħrajn imressqa minn passiġġieri abbażi tal-kuntratt ta' trasport jistgħu jitressqu biss kontra l-ewwel trasportatur, l-aħħar trasportatur jew it-trasportatur li jkun wettaq il-parti tat-trasport li fiha l-avveniment li jkun wassal għall-proċedimenti jkun seħħ.
3. Meta, fil-każ ta' trasport imwettaq minn trasportaturi suċċessivi, it-trasportatur li jrid iwassal il-bagalji jew il-vettura jkun imdaħħal bil-kunsens tiegħu fil-voucher tar-reġistrazzjoni tal-bagalji jew il-voucher tat-trasport, azzjoni tista' titressaq kontrih skont il-paragrafu 2 anke jekk huwa ma jkunx irċieva l-bagalji jew il-vettura.
4. Azzjoni għall-irkupru ta' somma mħallsa skont il-kuntratt ta' trasport tista' titressaq kontra t-trasportatur li jkun ġabar dik is-somma jew kontra t-trasportatur li tkun inġabret f'ismu.
5. Azzjoni tista' titressaq kontra trasportatur għajr dawk speċifikati f'paragrafi 2 u 4 meta tkun istitwita permezz ta' kontrotalba jew permezz ta' eċċezzjoni fil-proċedimenti relatati ma' pretensjoni prinċipali bbażata fuq l-istess kuntratt ta' trasport.

6. Sakemm dawn ir-Regoli Uniformi japplikaw għat-trasportatur sostitut, azzjoni tista' titressaq kontrih ukoll.
7. Jekk il-kwerelant ikollu għażla bejn bosta trasportaturi, id-dritt tiegħu għall-għażla għandu jkun mitmum hekk kif huwa jressaq azzjoni kontra wieħed minnhom; dan għandu japplika wkoll jekk il-kwerelant għandu għażla bejn trasportatur wieħed jew aktar u trasportatur sostitut.

Artikolu 58

Tneħħija tad-dritt għall-azzjoni f'każ ta' mewt jew ta' korriment personali

1. Kwalunkwe dritt għal azzjoni mill-persuna intitolata bbażat fuq ir-responsabbiltà tat-trasportatur f'każ ta' mewt jew ta' korriment personali ta' passiġġieri, għandu jitneħħa jekk notifika tal-inċident tal-passiġġier ma tkunx ingħatat mill-persuna intitolata, fi żmien 12-il xahar minn meta jkun sar jaf bit-telf jew bid-dannu, lil wieħed mit-trasportaturi li lilu tista' tiġi indirizzata pretensjoni skont l-Artikolu 55(1). Fejn il-persuna intitolata tagħti avviż verbali tal-inċident lit-trasportatur, it-trasportatur għandu jforniha b'konferma ta' tali avviż verbali.
2. Madankollu, id-dritt għal azzjoni m'għandux jitneħħa jekk
 - (a) fi żmien il-perijodu previst fil-paragrafu 1, il-persuna intitolata tkun indirizzata pretensjoni lil wieħed mit-trasportaturi nnominati fl-Artikolu 55(1);

- (b) fi żmien il-perijodu previst fil-paragrafu 1 it-trasportatur li jkun responsabbli jkun sar jaf bl-inċident tal-passiġġier b'xi mod ieħor;
- (c) avviż tal-inċident ma jkunx ingħata, jew ikun ingħata tard, bħala rizzultat ta' ċirkostanzi mhux attribwiti għall-persuna intitolata;
- (d) il-persuna intitolata tagħti provi li l-inċident kien ikkawżat bil-ħtija fuq il-parti tat-trasportatur.

Artikolu 59

Tneħħija tad-dritt għal azzjoni li tirriżulta mit-trasport tal-bagalji

1. L-aċċettazzjoni tal-bagalji mill-persuna intitolata għandha tneħħi d-drittijiet kollha għal azzjoni kontra t-trasportatur li tirriżulta mill-kuntratt ta' trasport f'każ ta' telf, ħsara jew dewmien parzjali tal-kunsinna.
2. Madankollu, id-dritt għal azzjoni m'għandux jitneħħa:
 - (a) f'każ ta' telf jew ħsara parzjali, jekk
 1. it-telf jew ħsara jkun aċċertat skont l-Artikolu 54 qabel l-aċċettazzjoni tal-bagalji mill-persuna intitolata,

2. l-aċċertazzjoni li tkun suppost saret skont l-Artikolu 54 titħalla barra ħtija biss tat-trasportatur;
- (b) f'każ ta' telf jew ħsara li ma jkunux jidhru li l-eżistenza tagħhom tkun aċċertata wara l-aċċertazzjoni tal-bagalji mill-persuna intitolata, jekk hija
1. titlob aċċertazzjoni skont l-Artikolu 54 immedjatement wara li tiskopri t-telf jew ħsara u mhux aktar tard minn tliet ijiem wara l-aċċertazzjoni tal-bagalji, u
 2. barra minn hekk, ikollha provi li t-telf jew ħsara jkunu seħħu bejn iż-żmien li tkun ittiegħdet mit-trasportatur u l-ħin tal-kunsinna;
- (c) f'każ ta' dewmien tal-kunsinna, jekk fi żmien wieħed u għoxrin jum il-persuna intitolata tkun aċċertat id-drittijiet tagħha kontra wieħed mit-trasportaturi speċifikati fl-Artikolu 56(3);
- (d) jekk il-persuna intitolata tagħti provi li t-telf jew ħsara jkunu kkawżati bil-ħtija fuq il-parti tat-trasportatur.

Artikolu 60
Limitazzjoni tal-azzjonijiet

1. Il-perijodu ta' limitazzjoni ta' azzjonijiet għal ħsarat ibbażati fuq ir-responsabbiltà tat-trasportatur f'każ ta' mewt jew ta' korriment personali ta' passiġġieri għandu jkun:
 - (a) fil-każ ta' passiġġier, tliet snin mill-jum wara l-inċident;
 - (b) fil-każ ta' persuni intitolati oħrajn, tliet snin mill-jum wara l-mewt tal-passiġġier, soġġett għal massimu ta' ħames snin mill-jum wara l-inċident.

2. Il-perijodu ta' limitazzjoni għal azzjonijiet oħrajn li jirriżultaw mill-kuntratt ta' trasport għandu jkun ta' sena. Madankollu, il-perijodu tal-limitazzjoni għandu jkun sentejn fil-każ ta' azzjoni għal telf jew ħsara li jirriżultaw minn att jew ommissjoni mwettqa bl-intenzjoni li jiġu kkawżati tali telf jew ħsara, jew bi traskuraġni u bl-għarfien li tali telf jew ħsara probabbli jirriżultaw.

3. Il-perijodu tal-limitazzjoni previst fil-paragrafu 2 għandu jgħodd għal azzjonijiet:
 - (a) għall-kumpens għal telf totali, mill-erbatax-il jum wara l-għeluq tal-perijodu ta' żmien previst fl-Artikolu 22(3);

- (b) għal kumpens għal telf parzjali, ħsara jew dewmien ta' kunsinna, mill-jum meta l-kunsinna tkun saret;
- (c) fil-każijiet l-oħrajn kollha li jinvolvu t-trasport ta' passiġġieri, mill-jum tal-iskadenza tal-validità tal-biljett.

Il-jum indikat għall-bidu tal-perijodu tal-limitazzjoni m'għandux ikun inkluż fil-perijodu.

- 4. Inkella, is-sospensjoni u l-interruzzjoni tal-perijodi tal-limitazzjoni għandhom jiġu regolati mil-liġi nazzjonali.

TITOLU VII

RELAZZJONIJIET BEJN IT-TRASPORTATORI

Artikolu 61

Apporzjonament tal-ispiża tat-trasport

- 1. Kwalunkwe trasportatur li jkun għabar jew li kellu jiġbor spiża ta' trasport irid iħallas lit-trasportaturi kkonċernati s-sehem rispettiv tagħhom ta' tali spiża. Il-metodi ta' pagament għandhom jiġu ffissati permezz ta' ftehim bejn it-trasportaturi.

2. L-Artikolu 6(3), l-Artikolu 16(3) u l-Artikolu 25 għandhom japplikaw ukoll għar-relazzjonijiet bejn trasportaturi suċċessivi.

Artikolu 62

Dritt għal rikors

1. Trasportatur li jkun ħallas kumpens skont dawn ir-Regoli Uniformi għandu jkollu dritt għal rikors kontra t-trasportaturi li jkunu ħadu sehem fit-trasport skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin:
- (a) it-trasportatur li jkun ikkawża t-telf jew ħsara għandu jkun l-uniku responsabbli għalihom;
 - (b) meta t-telf jew ħsara jkunu ġew ikkawżati minn bosta trasportaturi, kull wieħed għandu jkun responsabbli għat-telf jew ħsara li jkun ikkawża; jekk tali distinzjoni tkun impossibbli, il-kumpens għandu jkun proporzjonat bejniethom skont l-ittra c);
 - (c) jekk ma jkunx jista' jiġi ppruvat liema mit-trasportaturi jkun ikkawża t-telf jew ħsara, il-kumpens għandu jkun proporzjonat bejn it-trasportaturi kollha li jkunu ħadu sehem fit-trasport, għajr dawk li jkollhom provi li t-telf jew ħsara ma jkunux ikkawżati minnhom; tali apporzjonament għandu jkun proporzjonat skont is-sehem rispettiv tagħhom tal-ispiża tat-trasport.

2. Fil-każ ta' insolvenza ta' xi wieħed minn dawn it-trasportaturi, is-sehem mhux imħallas li jkun dovut minnu għandu jiġi apporzjonat fost it-trasportaturi l-oħra kollha li jkunu ħadu sehem fit-trasport, fi proporzjon tas-sehem rispettiv tagħhom tal-ispiża tat-trasport.

Artikolu 63

Proċedura għal rikors

1. Il-validità tal-ħlas magħmul mit-trasportatur li jeżerċita dritt għal rikors skont l-Artikolu 62 ma tistax tiġi kkuntestata mit-trasportatur li kontrih ikun ġie eżerċitat id-dritt għal rikors, meta kumpens ikun ġie determinat minn qorti jew tribunal u meta t-trasportatur imsemmi l-aħħar, debitament moqdi bin-notifika tal-proċedimenti, ikun ġie mogħti opportunità li jintervjeni fil-proċedimenti. Il-qorti jew tribunal imqabbad mill-azzjoni prinċipali għandu jiddetermina ż-żmien li għandu jingħata għal tali notifika tal-proċedimenti u għal intervenzjoni fil-proċedimenti.
2. Trasportatur li jeżerċita d-dritt tiegħu għal rikors irid jippreżenta l-pretensjoni tiegħu f'wieħed u l-istess proċediment kontra t-trasportaturi kollha li magħhom ma jkunx laħaq ftehim, altrimenti hu għandu jitlef id-dritt tiegħu għal rikors fil-każ ta' dawk li kontrihom hu ma jkunx ħa proċedimenti.

3. Il-qorti jew tribunal għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu f'sentenza waħda u l-istess dwar il-pretensjonijiet ta' rikors kollha mressqa quddiemu.
4. It-trasportatur li jkun jixtieq jinforza d-dritt tiegħu għal rikors jista' jressaq l-azzjoni tiegħu fil-qorti jew it-tribunali tal-Istat li fit-territorju tiegħu, wieħed mit-trasportaturi li jkunu ħadu sehem fit-trasport ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu, jew il-fergħa jew aġenzija li tkun ikkonkludiet il-kuntratt ta' trasport.
5. Meta l-azzjoni trid titressaq kontra bosta trasportaturi, it-trasportatur kwerelant għandu jkun intitolat li jagħżel il-qorti jew tribunal li fih hu ser iressaq il-proċedimenti minn fost dawk kompetenti skont il-paragrafu 4.
6. Il-proċedimenti tar-rikors ma jistgħux jingħaqdu ma' proċedimenti għal kumpens meħuda mill-persuna intitolata taħt il-kuntratt ta' trasport.

Artikolu 64

Ftehimiet rigward rikors

It-trasportaturi jistgħu jikkonkludu ftehimiet li jidderogaw mill-Artikoli 61 u 62.

ANNEX II

INFORMAZZJONI MINIMA LI JRIDU JAGĦTU L-IMPRIŻI FERROVJARJI U L-BEJJIEGĦA TAL-BILJETTI

Parti I: Informazzjoni ta' qabel il-vjaġġ

Kondizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-kuntratt

Skedi ta' żmien u kondizzjonijiet għall-vjaġġi l-aktar rapidi

Skedi ta' żmien u kondizzjonijiet għan-nollijiet kollha disponibbli, b'enfasi fuq l-irħas nollijiet

Aċċessibbiltà, kundizzjonijiet tal-aċċess u disponibbiltà abbord ta' faċilitajiet għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa skont id-Direttiva (UE) 2019/882 u fir-Regolamenti (UE) Nru 454/2011 u Nru 1300/2014

Disponibbiltà tal-kapaċità u kondizzjonijiet tal-aċċess għar-roti

Disponibbiltà ta' postijiet fl-ewwel u fit-tieni klassi kif ukoll ta' vaguni kuċċetti u vaguni tal-irqad

Tfixkil u dewmien (ippjanat u f'ħin reali)

Disponibbiltà ta' faċilitajiet abbord, inkluż il-Wi-Fi u latrini, u ta' servizzi abbord, inkluż l-assistenza li l-passiġġieri jingħataw mill-persunal.

Informazzjoni qabel ix-xiri fuq jekk il-biljett jew il-biljetti jikkostitwux biljett globali

Proċeduri għar-reklamazzjoni ta' bagalji mitlufa

Proċeduri għas-sottomissjoni ta' lmenti

Parti II: Informazzjoni waqt il-vjaġġ

Servizzi u faċilitajiet abbord, inkluż il-Wi-Fi

L-istazzjon li jmiss

Tfixkil u dewmien (ippjanat u f'ħin reali)

Servizzi prinċipali ta' kollegament

Kwistjonijiet ta' sigurtà u sikurezza

Parti III: Operazzjonijiet rigward sistemi ta' riservazzjoni

Talbiet għad-disponibbiltà ta' servizzi tat-trasport bil-ferrovija, inkluż it-tariffi applikabbli

Talbiet għal riservazzjoni ta' servizzi tat-trasport bil-ferrovija

Talbiet għal kanċellazzjoni parzjali jew sħiħa ta' riservazzjoni

ANNEX III

STANDARDS MINIMI TAL-KWALITÀ TAS-SERVIZZ

Informazzjoni u biljetti

Puntwalità tas-servizzi, u prinċipji ġenerali għat-trattament ta' interruzzjonijiet tas-servizzi

Dewmien

- (i) id-dewmien medju ġenerali tas-servizzi bħala perċentwal għal kull kategorija tas-servizz (fuq distanza twila, reġjonali u urban/suburban);
- (ii) il-perċentwal ta' dewmien ikkawżat miċ-ċirkustanzi msemmija fl-Artikolu 19(10);
- (iii) il-perċentwal tas-servizzi mdewma waqt it-tluq;
- (iv) il-perċentwal tas-servizzi mdewma waqt il-wasla:
 - il-perċentwal ta' dewmien ta' inqas minn 60 minuta;
 - il-perċentwal ta' dewmien ta' bejn 60-199-il minuta;
 - il-perċentwal ta' dewmien ta' 120 minuta jew aktar;

Kanċellazzjonijiet ta' servizzi

- (i) il-kanċellazzjonijiet tas-servizzi bħala perċentwal għal kull kategorija tas-servizz (internazzjonali, domestiku fuq distanza twila, reġjonali u urban/suburban);
- (ii) il-kanċellazzjonijiet tas-servizzi bħala perċentwal għal kull kategorija tas-servizz (internazzjonali, domestiku fuq distanza twila, reġjonali u urban/suburban) ikkawżati miċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 19(10).

Indafa tal-vaguni tar-roti u tal-faċilitajiet fl-istazzjon (il-kwalità tal-arja u l-kontroll tat-temperatura fil-vaguni, l-iġjene tal-faċilitajiet sanitarji, eċċ.)

Sondaġġ dwar is-sodisfazzjon tal-konsumatur

Trattament ta' lmenti, rimborżi u kumpens għal nuqqas ta' konformità mal-istandards ta' kwalità tas-servizz

L-assistenza pprovduta lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, u d-diskussjonijiet dwar din l-assistenza mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi u, fejn rilevanti, mar-rappreżentanti tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

ANNEX IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 1(a)	Artikolu 1(a)
Artikolu 1(b)	Artikolu 1(b)
-	Artikolu 1(c)
Artikolu 1(c)	Artikolu 1(d)
-	Artikolu 1(e)
Artikolu 1(d)	Artikolu 1(f)
Artikolu 1(e)	Artikolu 1(g)
-	Artikolu 1(h)
Artikolu 1(f)	Artikolu 1(i)
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 2(1)	Artikolu 2(1)
Artikolu 2(2)	-
Artikolu 2(3)	-
Artikolu 2(4)	-
Artikolu 2(5)	Artikolu 2(6)(a), (8)
Artikolu 2(6)	Artikolu 2(6)(b)
Artikolu 2(7)	Artikolu 2(7)

Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007	Dan ir-Regolament
-	Artikolu 2(2)
-	Artikolu 2(3)
-	Artikolu 2(4)
-	Artikolu 2(5)
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 3(1)	Artikolu 3(1)
Artikolu 3(2), (3)	-
Artikolu 3(4)	Artikolu 3(2)
Artikolu 3(5)	Artikolu 3(3)
Artikolu 3(6)	Artikolu 3(4)
Artikolu 3(7)	Artikolu 3(5)
Artikolu 3(8)	Artikolu 3(6)
-	Artikolu 3(7)
Artikolu 3(9)	Artikolu 3(8)
Artikolu 3(10)	Artikolu 3(9)
-	Artikolu 3(10)
-	Artikolu 3(11)
Artikolu 3(11)	Artikolu 3(12)
-	Artikolu 3(13)
	Artikolu 3(14)
	Artikolu 3(15)
	Artikolu 3(16)
Artikolu 3(12)	Artikolu 3(17)
-	Artikolu 3(18)

Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007	Dan ir-Regolament
Artikolu 3(13)	Artikolu 3(19)
-	Artikolu 3(20)
Artikolu 3 (15)	Artikolu 3(21)
-	Artikolu 3(22)
Artikolu 4	Artikolu 4
-	Artikolu 5
Artikolu 5	Artikolu 6
Artikolu 6	Artikolu 7
Artikolu 7	Artikolu 8
Artikolu 8	Artikolu 9
-	Artikolu 10
Artikolu 9	Artikolu 11
-	Artikolu 12
Artikolu 11	Artikolu 13
Artikolu 12	Artikolu 14
Artikolu 13	Artikolu 15
Artikolu 14	Artikolu 16
Artikolu 15	Artikolu 17
Artikolu 16	Artikolu 18
-	Artikolu 18(2), (3), (4), (5), (6), (7)

Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007	Dan ir-Regolament
Artikolu 17(1)	Artikolu 19(1), (2), (3), (4)
-	Artikolu 19(5), (6)
Artikolu 17(2)	Artikolu 19(7)
Artikolu 17(3)	Artikolu 19(8)
Artikolu 17(4)	Artikolu 19(9)
-	Artikolu 19(10)
Artikolu 18	Artikolu 20
-	Artikolu 20(6)
Artikolu 19	Artikolu 21
Artikolu 20	Artikolu 22
Artikolu 21(1)	-
Artikolu 21(2)	Artikolu 23(1) (g)
Artikolu 22, Artikolu 23	Artikolu 23
Artikolu 22(2)	-
Artikolu 24	Artikolu 24
Artikolu 25	Artikolu 25(1), (2), (3)
-	Artikolu 26
Artikolu 26	Artikolu 27
Artikolu 27	Artikolu 28
-	Artikolu 28(3)
Artikolu 27(3)	Artikolu 28(4)
Artikolu 28	Artikolu 29
Artikolu 29	Artikolu 30

Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007	Dan ir-Regolament
Artikolu 30	Artikolu 31
-	Artikolu 32, 33
Artikolu 31	Artikolu 34
-	Artikolu 34(1), (3)
Artikolu 32	Artikolu 35
-	Artikolu 35(2)
Artikolu 33	-
Artikolu 34	Artikolu 36
Artikolu 35	Artikolu 38
-	Artikolu 37
Artikolu 36	Artikolu 39
-	Artikolu 40
Artikolu 37	Artikolu 41
Anness I	Anness I
Anness II	Anness II
Anness III	Anness III
-	Anness IV